**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta' Diċembru 2021

Rikors Numru: 396/2010 AL

**AB C**
**f'isimha proprju u bhala kuratrici '*ad litem*' ta' bintha minuri G C**

**vs**

**D C**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 626/1991)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-kontendenti żżewġu fil-11 ta' Mejju 1991, hekk kif jirriżulta mill-estratt tal-Att taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. MA1;*

[1] Fol. 1 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

2. *Illi l-kontendenti minn dan iż-żwieġ għandhom żewġt' itfal, u ċioe F li għandha tmintax (18)-il sena u G ta' erbatax (14)-il sena.*

3. *Illi l-konvenut irrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante illi l-istess konvenut huwa ħati ta' eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid u offiżi gravi da parti tiegħu fil-konfront tal-istess rikorrenti, u għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenut;*

4. *Illi l-kontendenti ġew debitament awtorizżati sabiex jipproċedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti (Dok. MA2);*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spejgat u TAWTORIZZA lill-esponenti tgħix separatament minn ma' l-intimat;*

2. *TILLIKWIDA ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għaliha u għall-minuri G C, filwaqt li TORDNA u TIKKUNDANNA lill-istess konvenut sabiex iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u TORDNA illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju tiegħu mill-impjieg jew xogħol jew kull dħul ieħor li huwa għandu jew jista' jkollu; u TIPPROVDI dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut kull sena;*

3. *TIDDIKJARA li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi.*

4. *TAPPLIKA kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża iżda mhux biss l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attriċi;*

5. *IXXOLJI u TILLIKWIDA l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u*

*TASSENJA porzjon lill-esponenti u porzjon lill-konvenut ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-każ tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;*

6. *TASSENJA lill-attriċi nofs id-dar matrimonjali li tikkonsisti f'dar u garaxx bin-numru XX, Triq il-X, Mosta, ġia plot numru XXX fil-kontrada XX, limiti tal-Mosta, tal-kejl ta' mija u ħamsa u disgħin metru kwadru, jew inkella tassenja lill-attriċi nofs il-valur tal-imsemmi fond matrimonjali fi flus; u jekk okkorrendo jkun il-każ tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;*

7. *TIKKUNDANNA lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u/jew jittieħed kont tal-valur tagħhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur għandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attriċi fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija;*

8. *TAKKORDA lill-attriċi l-kura u kustodja esklussiva tat-tifla minuri G C;*

9. *TAWTORIZZA lill-attriċi sabiex tgħix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri G C u t-tifla l-oħra F C, u dana ad esklużjoni tal-konvenut u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop;*

10. *TAWTORIŻŻA lill-esponenti tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe 'E'.*

*Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi primarjament l-esponenti jirreferi ghal Kawza Rikors Guramentat*

[2] Fol. 22 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

*Numru: 421/10-AF (gja NC) fl-ismijiet C D -vs- AB sive AC li giet intavolata nhar is-6 ta' Diċembru, 2010, u giet appuntata ghall-Ewwel Dehra ghal Ewwel Dehra ghal nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu, 2011, biex dawn iz-zewg kawzi ikunu jistghu jimxu kontestwalment flimkien ghal kull buon fini, bhala fatt u fid-dritt, ghall-ekonomija tal-gudizzju w anke biex jigu ffrankati l-ispejjez.*

2. *Illi l-esponenti ghaldaqstant jaghmel referenza ghal Kawza tieghu u jiddikjara li filkawza tieghu tas-6 ta' Dicembru, 2010, hemm il-bazi legali u fattwali tieghu, il-Lista tax-Xhieda, il-Premessi, it-Talbiet tieghu li huma komplessivament sittax-il talba, il-lista tax-Xhieda ezawrjenti tieghu li maghha f'din ir-Risposta Guramentata sejjer izid biss ftit ismijiet ohra, kif ukoll hames dokumenti li jindikaw – fost ohrajn – Affidavit ta' l-istess Intimat/Konvenut odjern.*

3. *Illi f'din ir-Risposta Guramentata odjerna, l-esponenti sejjer jehmez erba' Affidavits ohra li huma wiehed ulterjuri ta' l-istess esponenti, taz-zewġ hutu L M u K C , u ta' N C mart K biex dawna jaghtu kwadratura cara lil din il-wisq Onorabbli Qorti li effettivament kienet AB C li farrket dana iz-zwieg b'mod irrimedjabbli, minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, li kienet AB C li abbandunat d-Dar Matrimonjali u litteralment serqet dak kollu li hemm fiha ghad-detriment ta' l-Intimat/ Konvenut zewgha barra li abbuzat flimkien ma' terzi persuni meta assaltat d-dar proprjeta' parafernali ta' l-imsemmi esponenti u hemmhekk ghamlet herba shiha.*

4. *Illi fir-rigward tal-Lista tax-Xhieda, l-esponenti jixtieq illi f'din ir-Risposta Guramentata jigu nkluzi l-persuni kollha li huwa ndika bhala xhieda tieghu minn a fol. 9 sa a fol. 11 tar-Rikors Guramentat tieghu, u naturalment jidher il-lista tax-xhieda ta' l-imsemmija AB C bhala Intimata fil-Kawza ta' zewgha li dik ukoll l-esponenti odjern jixtieq illi jinkludieha bhala persuni li potenzjalment jistghu jittellghu bhala xhieda f'din il-kawza konsiderando li bir-Risposta Guramentatata' mart il-Konvenut/ Intimat odjern, kienu nnotifikaw personalment lill-Avukat ta' l-esponenti ossia Dr Emmy D Bezzina fil-Qorti nharl-14 ta' Jannar tas-sena kurrenti permezz tal-Marixxal LB.*

5. *Illi kwantu ghar-Rikors odjern ta' AB C, li gie ntavolat nhar is-16 ta'*

*Novembru, 2010, din il-Qorti qed tingibdilha l-attenzjoni li r-Rikorrenti ghandha r-residenza taghha f'Numru XX, Triq XX, Birzebbugia, fejn hemm qeghda tghix komda mat-tifla minuri taghha wara li abbandunat id-dar proprjeta' parafernali ta' zewgha li kienet id-Dar Matrimonjali, u ghaldaqstant ma hemm ebda bazi legali ghala r-Rikorrenti AB C ghandha jkollha xi retenzjoni fir-rigward tad-Dar proprjeta' parafernali ta' l-Intimat/Konvenut zewgha D C li qeghda Numru XX, XX, XXX, Triq il-X gewwa l-Mosta.*

6. *Illi kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' AB C, ir-ragunijiet ghat-talbiet tar-Rikorrenti ma huma vero simili xejn billi kienet AB C li min-numru ta' snn ilu kienet qeghda tippjana li l-proprjeta' parafernali ta' zewgha takkwistaha hi u meta zewgha rrifjuta li jaghmel dan bdiet pjan ta thejjija biex izzarmalu l-ewwel u qabel kollox id-dar proprjeta' parafernali ta' zewgha, u fit-tieni lok billi tipprova tkecci lil zewgha minn daru stess bi provokazzjonijiet, b'pass li ottjeniet Digriet favorevoli nhar it-2 ta' Novembru, 2010, minn din il-Qorti diversament ippreseduta, imma li l-istess Intimat odjern esponenti qieghed jikkontestah quddiem il-Qorti ta' l-Appell u hemm decizjoni preliminari mistennija ghal nhar il-25 ta' Marzu, 2011, li jkun jahbat il-Gimgha.*

7. *Kienet AB C li farrket dan iz-zwieg a bazi ta' Artikol 40 u 41 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha tiddekadi minn kull pretenzjonijiet, jeddijiet u drittijiet aspettanti lilha skond il-ligi imma li m'ghandhomx jinghataw lilha ghal ragunijiet validissimi, abbinati maz-zewg kawzi fl-ismijiet inversi pendenti, u kif jirrizulta fil-mori tal-kawza.*

*Talbiet Attrici*

8. *Illi l-ewwel talba ta' mart l-intimat għandha tiġi milqugħa pero b'tortijiet unikament w esklussivament imputabbli lill-istess AB C kif jirriżulta mill-mori tal-kawża u kwantu għall-awtoriżżazzjoni li qegħda tintalab, AB C diġa tgħix separatament minn żewġha u għandha residenza tagħha f'numru XX, Triq XX ġewwa Birżebbuga u għalhekk din il-Qorti qegħda tiġi mitluba biex tikkonferma tali stat ta' fatt u mhux noqgħodu nitolbu lill-Qorti l-awtoriżżazzjoni biex tgħix separatament minn ma' l-Intimat żewġha, meta r-rikorrenti AB C diġa abbandunat id-dar matrimonjali u ħadet magħha l-*

*mobbli u mobilja tista tgħid fil-parti l-kbira tagħhom inkluż it-tifla minuri peress illi t-tifla maggorenni qegħda tikkoabita ma' sieħeb li huwa membru fil-korp tal-pulizija, f'residenza separata.*

9. *Illi kwantu għat-tieni talba ta' AB C, din kapaċi taħdem, diġa qegħda tieħu erba' mitt ewro (€400) fix-xahar assistenza soċjali barra benefiċċji oħra ta' l-istat, filwaqt li żewġha huwa bla xogħol wara li kienet l-istess AB C li farrkitlu l-istess ħidma għal rasu bħala kuntrattur li kellu l-intimat/konvenut D C kif jirriżulta mill-provi fil-mori tal-kawża, u għaldaqstant D C qiegħed formalment jitlob li jingħata hu manteniment da parti ta' martu billi hu da parti tiegħu ma jikkwalifikax biex jieħu assistenza soċjali minħabba li offiċjalment għadu rreġistrat li qed jaħdem anke jekk m'għandux xogħol billi saħansitra d-dokumenti bażiċi nkluż id-djarju, ċ-ċwievet tal-crane, tal-pick-up van, dokumenti personali bħal log book, u lista tal-klijenti li kellu l-istess intimat/konvenut kollha nsterqulu minn martu fuq parir, u dan huwa ammess, tal-konsulent legali tal-istess AB C u għalhekk ebda manteniment ma jista jkun qatt dovut lil AB C li diġa għandha mezzi finanzjarji ferm superjuri minn dawk tal-intimat/konvenut li saħansitra qed ikollu jissellef mingħand familjari u ħbieb oħra anke biex ilaħħaq għall-ispejjez tal-proċeduri legali u l-għixien bażiku għalih innifsu ta' kuljum.*

10. *Illi għaldaqstant għandha tkun AB C li tiġi kkundannata tħallas lil żewġha dik ir-retta alimentari hekk likwidata u tordna illi dawna l-alimenti għandhom jiġu versati direttament minn AB C lil żewġha permezz ta' akkont bankarju li n-numru tiegħu jiġi fornut fil-mument propizju.*

11. *Illi kwantu għat-tielet u r-raba, l-ħames u s-sitt talbiet ta' AB C dawn bl-ebda mod m'għandhom jiġu akkolti billi fl-ewwel lok kienet l-attriċi li ddekadiet a bażi tal-Kodiċi Ċivili minn kwalsiasi dritt illi hija għandha, inkluż dak li titlob jew tipperċepixxi manteniment mingħand l-intimat/konvenut żewġha, filwaqt li l-applikazzjoni tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom ikunu applikabbli kollha favur l-intimat/konvenut, u in toto kontra r-rikorrenti/attriċi, u dan inkluż iżda mhux biss il-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret lill-intimat/konvenut żewġha.*

12. *Illi fir-rigward tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, AB C, ma ġabet*

*xejn fiż-żwieġ, ma kkontribwit għal xejn għajr illi tisloħ u tisraq dak li ma kienx tagħha bl-inqas kontribuzzjoni possibbli fil-konfront u/jew a favur żewġha l-intimat D C u għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata u tingħata kollha uffiċjalment lill-intimat/konvenut u jekk okkorrendo jkun il-każ tinnomina Nutar din il-Qorti sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu nkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza illi xi darba sejra tingħata minn din il-wisq Onorabbli Qorti.*

13. *Illi dwar id-dar matrimonjali li kienet u li hija proprjeta parafernali tal-intimat/konvenut, din hija proprjeta privata tal-intimat/konvenut u allura l-attriċi/rikorrenti ma għandha xejn minnha u dana għandu jiġi dikjarat bl-iktar mod kategoriku fl-eventwali sentenza li din il-wisq Onorabbli Qorti tagħti f'dawn iż-żewġ kawżi, fl-ismijiet inversi, relatata ma' talbiet għal firda legali w oħrajn anċillari fir-rigward tal-koppja konjuġi kontendenti D C u AB C nee' E.*

14. *Illi fir-rigward tas-seba' talba tal-attriċi, din fiha nnifisha hija waħda rriżorja billi l-attriċi litteralment ma kellha ebda beni dotali u/jew parafernali kif jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, u għalhekk ma hemm ebda kont tal-valur tagħhom x'jittieħed f'xi forma ta' likwidazzjoni u a porzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti kif ġja ndikat, l-ebda ħtieġa ta' ħatra ta' periti nominandi, imma l-istess rikorrenti/attriċi għandha tikkumpensa bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kollha ġudizzjarji w extra ġudizzjarji lil żewġha l-intimat/konvenut fil-kawża odjerna, l-attur/rikorrenti fil-kawża fl-ismijiet inversi ntavolata nhar is-6 ta' Diċembru, 2010, għal dak kollu li r-rikorrenti odjerna serqet lil żewġha mid-dar proprjeta parafernali tiegħu li sa Awwissu tas-sena 2010 kienet id-dar matrimonjali imma issa li abbandunata l-istess rikorrenti/attriċi AB C, id-dar hija esklussivament proprjeta parafernali.*

15. *Illi kwantu għat-tmien talba tal-attriċi, G C li llum riesqa lejn il-ħmistax-il sena tiddeċiedi hi ma min trid toqgħod, filwaqt li d-disa' talba attriċi għandha tiġi bl-iktar mod kategoriku miċħuda billi d-dar matrimonjali m'għadhiex teżisti iktar, hija proprjeta parafernali tal-intimat/konvenut, ir-rikorrenti odjerna għandha residenza fejn ilha tgħix hemmhekk minn Awwissu tas-sena 2010, jiġifieri diġa ilha tgħix hemm iktar minn sitt xhur, u kwindi għandu jibqa jgħix fid-dar proprjeta parafernali tiegħu l-*

*intimat/konvenut odjern D C u dan taħt kull provvediment xieraq w opportun li din il-wisq Onorabbli Qorti tista' tagħti.*

16. *Illi kwantu għal għaxar talba attriċi, il-konvenut/intimat jirreferi għal dak li jgħid il-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta dwar kunjom mara u jiddikjara li jkun ta' preġudizzju għalih jekk il-mara tiegħu tibqa tuża l-kunjom tiegħu C u għalhekk iħeġġeġ lil din il-wisq Onorabbli Qorti li tawtorizża anke qabel ma jintemmu dawn il-proċeduri ta' firda legali u talbiet konnessi li martu tirriverti lura għal kunjom xbubitha u ċioe E malajr kemm jista jkun.*

17. *Illi kwantu għall-ispejjeż, dawn għandhom jiġu sopportati mill-attriċi/rikorrenti, kif fuq diġa ngħad.*

18. *Illi del resto l-intimat/konvenut jerġa jirreferi għar-rikors ġuramentat numru 421/10/AF fl-ismijiet inversi fejn hemmhekk għandu t-talbiet tiegħu li naturalment jitlob lil din il-Qorti biex tilqa u taċċetta dawn it-talbiet u tirrispinġi l-eċċezzjonijiet in toto ta' martu l-intimata/konvenuta fil-kawża fl-ismijiet inversi bħal ma jitlob lil Qorti li tirrispinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti/attriċi fir-rikors tagħha odjern.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat li fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2011, il-Qorti ordnat li l-azzjoni odjerna timxi flimkien mal-kawza bin-numru 421/2010 fl-ismijiet inversi;[3]

Rat in-nota ġuramentata tal-attriċi tat-8 ta' Frar 2011 li titkellem dwar: (i) ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieġ, (ii) il-kura u kustodja tal-minuri, (iii) manteniment, u (iv) elenku ta' dak li jappartjeni lir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti;[4]

Rat l-affidavits tal-partijiet kontendenti u d-dokumenti annessi,[5] kif ukoll ix-xhieda,[6] u l-kontro-ezamijiet tagħhom;[7]

---

[3] Fol. 68 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[4] Fol. 20 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[5] Affidavit tal-konvenut, a fol. 29 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL, u fol. 18 tal-proċess bin-numru 421/2010 AL; Affidavit tal-attriċi, a fol. 801 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[6] Xhieda tal-konvenut, a fol. 539, 829, 901, 1104 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL; Xhieda tal-attriċi, a fol. 835, 893, 1097 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[7] Kontro-ezami tal-konvenut, a fol. 1085 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL; Kontro-ezami tal-attriċi, a fol. 952, 959 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit Legali Dr Vincent Galea li ġie maħtur għal tali fini fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2011,[8] ix-xhieda li ddeponew quddiemu u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat id-digriet tad-9 ta' Marzu 2012 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti abbazi l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili;[9]

Rat l-atti tal-Appell bin-numru 304/2010 fl-ismijiet odjerni inkluz is-sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu 2011 u dan bis-saħħa tad-digriet tal-5 ta' Marzu 2012 fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi tal-1 ta' Diċembru 2011 sabiex jiġu allegati mal-azzjoni odjerna l-atti tal-appell in kwistjoni;[10]

Rat il-kopja legali tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 260/2010AL ipprezentat mill-attriċi kontra l-konvenut;[11]

Rat il-kopja legali tal-Mandat ta' Zgumbrament bin-numru 284/2010AL ipprezentat mill-attriċi kontra l-konvenut;[12]

Rat il-kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 199/2010AL ipprezentat mill-attriċi kontra l-konvenut;[13]

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs D C** deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2012,[14] u kif ukoll is-sentenza tal-Appell Kriminali fl-istess ismijiet dwar l-istess mertu mogħtija nhar il-15 ta' Mejju 2013;[15]

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs D C** deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

---

[8] Fol. 68 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[9] Fol. 150 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[10] Fol. 125 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[11] Fol. 207 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[12] Fol. 212 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[13] Fol. 215 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[14] Fol. 181 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL, rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, fejn il-Qorti sabet lil D C ħati u ġie kkundannat xahar ħabs sospizi għal sena filwaqt li ġie ordnat iħallas €850 fi zmien tlett (3) xhur.
[15] Fol. 408 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL, li rrifformat l-ewwel sentenza fis-sens illi lliberat lil D C bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien tlett (3) xhur.

bħala Qort ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-30 ta' Mejju 2016;[16]

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs K C** deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar il-11 ta' Lulju 2011;[17]

Rat is-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs D C** deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-17 ta' Jannar 2012;[18]

Rat in-nota konġunta datata 6 ta' Ġunju 2018 fejn il-partijiet iddikjaraw dawk il-kwisjonijiet li dwarhom qegħdin jaqblu,[19] kif ukoll in-nota konġunta tas-16 ta' April 2019 fejn iddikjaraw il-valur aġġornat tad-dar matrimonjali;[20]

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Vincent Galea, ipprezentat u maħluf nhar l-14 ta' Lulju 2020;[21]

Rat id-domandi in eskussjoni u r-risposti għall-istess;[22]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi;[23]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[24]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

16 Fol. 436 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL, fejn l-akkuzi kontra D C kienu: (i) għamel ħsara fuq id-dar matrimonjali, (ii) ittenta li jikkaġuna feriti gravi fuq zewġ Pulizija, (iii) attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew ħebb kontra Pulizija, (iv) inġurja jew hedded jew għamel offiza fuq Pulizija, (v) ikkaġuna lil martu u uliedu biza' li se tintuza vjolenza, (vi) saq vettura b'mod perikoluz, traskurat u negliġenti, (vii) kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, (viii) biex jezerċita jedd ġiegħel lil xi ħadd biex iħallas dejn, u fuq ammissjoni ta' D Axis ail-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għal sentejn (2) priġunerija sospizi għal erba' (4) snin, filwaqt li nħarġet ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' D C a favur martu u uliedu.

17 Fol. 692 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL, fejn K C, ossia ħu l-konvenut, nstab ħati u ġie kkundannat tlett (3) xhur ħabs sospizi għal sena.

18 Fol. 694 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL, fejn D C nstab ħati tali bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex jezerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu meta ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, u ġie kkundannat multa ta' erba' mitt Ewro (€400).

19 Fol. 472 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

20 Fol. 493 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

21 Fol. 1110 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

22 Fol. 1149 – 1160 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

23 Fol. 1170 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

24 Fol. 1169 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, u dan senjatament minħabba d-domandi in eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tiegħu, u ċD' il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħa konjizzjoni tal-proċessi kollha li flimkien isawwru l-kaz odjern li ilu għaddej għal ħdax-il (11) sena.

## 1. Ir-Rapport tal-Perit Legali:

Il-Perit Legali Dr Vincent Galea ġie maħtur għal tali skop permezz ta' digriet datat 22 ta' Marzu 2011, fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilu zamm numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali ra u inkluda fir-rapport tiegħu r-rikors promotur u r-risposta ġuramentata, huwa kompla jirrileva s-segwenti:

*Ikkunsidra;*

10. *Illi f'din il-kawża l-attriċi resqet għaxar (10) talbiet. Ir-relatur sejjer jelenkahom fl-istess ordni, jagħmel l-eċċezzjoni ossia r-risposta maħlufa relattiva għal dik it-talba u imbagħad jgħaddi biex jagħti l-fehma tiegħu fuq il-punti li dwarhom ma hemmx qbil bejn il-partijiet.*

***<u>L-Ewwel Talba</u>***

11. *Fl-ewwel talba tagħha, l-attriċi talbet li tiġi dikjarata u pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut minħabba eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid u offiżi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tagħha u li bħala konsegwenza, ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment. Hija talbet ukoll sabiex in vista ta' tali dikjarazzjoni, hija tiġi awtorizzata tgħix separatament minn mal-konvenut.*

12. *Da parti tiegħu l-konvenut wieġeb billi qal li din it-talba għandha tiġi milqugħa pero b'tortijiet unikament w esklussivament imputabbli lill-istess attriċi.*

*Konsiderazzjonijiet;*

13. *Fil-kawża fl-ismijiet* ***Caterina Agius vs Benedict Agius*** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ġie enunċjat li l-Liġi tqiegħed bħala motiv illi jiġġustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri. Filwaqt li fil-kawża fl-ismijiet* ***Elisa Thompson vs Edward Thompson*** *deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali m'hemmx ħtiega illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċi u inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun sufficjenti illi tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet.*

*Ikkunsidra ulterjorment;*

14. *Il-partijiet kienu ltaqaw għal-ewwel darba f'Settembru tas-sena 1982. Fi Frar tas-sena 1983 l-attriċi bdiet taħdem u madwar sentejn wara huma bdew jaħsbu sabiex isibu biċċa art. Sabu biċċa art ġewwa Ħal-Lija u bdew jiżviluppawha. Xi sena wara ħarġu l-plots tal-Gvern għall-għarajjes. Huma applikaw u ħadu l-plot li fuqha inbniet id-dar matrimonjali. L-attriċi qalet li hija kienet ħarġet il-flus, tlett mija u ħamsin liri Maltin (Lm350), biex inxtrat din il-plot. Wara ftit taż-żmien il-konvenut beda jaħdem ma' Attard Brothers. Huma sussegwentement partu din il-plot ta' Ħal-Lija ma materjal li ħadu mingħand Attard Brothers. Dan il-materjal intuża għal plot tal-Mosta.*

*L-attriċi stqarret li waqt l-għerusija ma jidhrilhiex li kien hemm problemi u li l-inkwiet beda meta kellhom l-ewwel tarbija. Qalet li r-relazzjoni tagħhom inbidlet minn lejl għal nhar. Qalet li "It-tifla li kellna kienet tibki, lejl u nhar. Kelli stress kbir fuqi. Jien kont ngħix il-bogħod minn kulħadd u kont dejjem magħluqa ġewwa. Għal 3 snin sħaħ il-bieb ta' barra kien jiftħu r-raġel biex imur għax-xogħol u jerġa jinfetaħ x'ħin jiġi. Dejjem ġewwa ndur b'din it-tifla u bid-dar". Qalet li l-karattru tal-konvenut ukoll tbiddel u beda l-ħin kollu jizzika. Stqarret li l-ewwel ġlieda kbira li kellhom kienet wara li kienu ilhom miżżewġin sentejn. L-attriċi riedet tmur għand ommha u l-konvenut ma riedx. Hija qabdet taxi biex tmur għandha flimkien mat-tifla u wara mar il-konvenut. Hemm seħħ argument u l-konvenut qal lill-attriċi sabiex ma tmurx lura d-dar. Minkejja dan hija xorta waħda irritornat lura d-dar u ħadet kedda biex daħlet lura għax kien imbarra l-bieb. Qalet li dak il-lejl, għamlet lejl tibki u żewġha l-konvenut mar jorqod fil-garaxx.*

*L-attriċi kompliet tispjega l-indifferenza ta' żewġha lejha. Qalet li "it-tarag u l-kuridur kienu bla puggaman u fid-dlam waqajt minn fuq għal fuq it-taraġ. Bdejt ngħajjat għax ma flaħtx niċċaqlaq minn fuq it-taraġ u bdejt nara d-demm. Semgħani ngħajjat u tela mill-garaxx. L-għada filgħodu telaq għax-xogħol u lanqas biss ġie jittawwal biex jara kif kont jew jara kontx fi stat li nieħu ħsieb tat-tifla. Qomt kollni tbengil u b'geddumi maqsum u lanqas biss flaħt inqum mis-sodda. Kelli nċempel l-ommi biex titla' teħodli ħsieb it-tifla. Hi ġabituli t-tabib. Għalhekk kienu jindaħlu tal-familja tiegħi; għax meta kelli bżonn dejjem lilhom sibt u niġu f'dan anke hu".*

*Meta t-tifla l-kbira kellha tlett (3) snin, hija reġgħet ħarġet tqila. Il-ġlied, qalet l-attriċi, kompla. It-tieni tifla ukoll kienet imqarba. Tistqarr l-attriċi li hija kienet ħaditilha saħħitha. Minkejja dan, il-konvenut kien baqa għaddej bi kliem li kien iweġġgħa lill-attriċi.*

*F'Jannar, 2001 ma bdietx tiekol, dejjem tibki, dejjem għajjiena u bla saħħa. L-attriċi kienet tgħid lill-konvenut li ma kienitx qegħda tħossha f'sikkitha u għamlet ix-xhur għaddejja hekk. Għal ħabta ta' Awwissu ta' dik is-sena l-konvenut beda jgħajjat magħha għax ma kellhiex aptit sesswali u quddiemha mar jixgħel is-satellita "u beda jagħmel waħdu". Qalet li minħabba f'hekk bdew jiġġieldu għax ma felħitux tarah jagħmel hekk. Il-konvenut telaq il-barra u qatta lejl mhux id-dar. L-għada filgħodu hija marret għand ommha u l-konvenut niżel għandha u għamel xenata u qal li jrid jissepara. Dak in-nhar tant ma ħassitiex tajba l-attriċi li talbet lil ħuha biex jeħodha għand it-tabiba u din qaltilha li kellha d-dipressjoni. Marret id-dar u t-tfal ħalliethom għand oħtha. X'ħin waslet id-dar, hija sabet ittra ġewwa l-letterbox u hemm sabet karta tal-bank li tgħid li l-flus li kellhom fil-joint account ġew trasferiti għal kont fuq isem il-konvenut. Qalet li d-dipressjoni qabditha darbtejn oħra tul iż-żmien li hija għamlet tgħix mal-konvenut u dan bl-inkwiet li kien iqabadha l-konvenut. Stqarret li l-konvenut qatt ma mar magħha l-Isptar "... imma l-aktar ħaġa li tweġġgħani hija li qatt ma ġejt minn xi vista u saqsieni kif sejra jew x'qaluli. Kont ngħid li li kieku kellu kelb ukoll jara x'għandu". Qalet li kien ikun hemm ġlied ta' kuljum. Għal kull ħaġa ta' xejn il-konvenut kien jidgħi u t-tfal kienu jispiċċaw jmorru fil-kamra tagħha u jagħlqu t-twieqi.*

*Maż-żmien il-konvenut beda jixrob u s-sitwazzjoni matrimonjali kompliet tiggrava ruħha. Qalet li "D lili qeridni, kont tfajla ferrieħa dejjem nidħak u bit-tmaqdir, bl-abbuż mentali li sofrejt ġejt dejjem nibki u dejjem imdejqa, ħafna drabi l-anqas biss noħroġ il-bieb ta' barra għax dejjem b'għajnejja minfuħin".*

*Dr. D E Baldacchino fid-deposizzjoni tiegħu quddiem ir-relatur nhar it-18 ta' Frar, 2013 qal li l-attriċi kienet pazjenta tiegħu u li kien ilu snin isegwiha. Żgur sa mis-sena 2000/2001. Qal li "Jien stajt ninnota li kien hemm xi problemi matrimonjali li kienu qegħdin jaffettwaw l-istat ta' saħħa mentali tar-rikorrenti; jien ikkonstatajt li r-rikorrenti kienet severly depressed. Kienet kostantament tibki, kellha s-support tal-familjari tagħha, barra li kienet għamlet xi żmien tgħix għand ommha. Sussegwentement, bil-kura, ġiet il-quddiem ". Qal li d-depressjoni hija marda kronika u li ilha tieħu trattament għal din il-marda mis-sena 2000 lil hawn.*

*Il-konvenut qal li huwa dejjem ħadem u ġab il-flus id-dar u li huwa kien iħobb lit-tfal iżda dawn ma kienux jirrispettawh.*

*Fit-18 ta' April, 2011 seħħ imbagħad l-inċident fejn il-konvenut mar biex ikisser id-dar matrimonjali bil-crane tiegħu.*

*Ikkunsidra ulterjorment;*

15. *Jidher biċ-ċar li l-konvenut waħdu għandu jaħti għas-sitwazzjoni li fiha spiċċat il-familja tiegħu. Il-konvenut qatt ma ta' support morali lill-martu fil-ħajja ta' kuljum u fit-trobbija tat-tfal. L-attriċi spiċċat terfa' u ġġorr waħedha, r-responsabbilitajiet kollha tal-ħajja miżżewġa, tant li ma felħitx għalihom u spiċċat tbati minn dipressjoni. Anke f'dan l-istat, il-konvenut baqa indifferenti lejn martu u din is-sitwazzjoni kompliet tkisser dan iż-żwieġ. Il-konvenut aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar beda jwebbes rasu lejn familtu sakemm wasal il-mument li meta l-attriċi riedet tinfired min miegħu, huwa qabad il-crane li kien juża għax-xogħol u beda jkisser id-dar matrimonjali. L-attriċi soffriet fuq li soffriet mal-konvenut u għal dan kollu jaħti l-konvenut.*

***Għalhekk, għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba r-relatur huwa tal-fehma li l-***

***ewwel talba tal-attriċi għandha tintlaqa u tiddikjara li ż-żwieġ tal-kontendenti tkisser tort unikament tal-konvenut u konsegwentement, l-Onorabbli Qorti għandha tatworiżża lill-attriċi li tgħix separatament minn ma' żewġha l-konvenut.***

## *It-Tmien Talba*

16. *Fit-tmien talba tagħha, l-attriċi talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex takkordala l-kura u l-kustodja esklussiva ta' binthom G C.*

    *Dwar din it-talba, il-konvenut qal li l-minuri G, li f'dak iż-żmien li ġiet intavolata r-risposta maħlufa diġa kellha kważi 15-il sena, kellha tiddeċiedi hi ma min trid toqgħod.*

17. ***Illi ulied il-partijiet, F u G twieldu fl-24 ta' Settembru, 1992 u fit-30 ta' Settembru, 1996 rispettivament. Illum il-ġurnata ma għadhomx minuri, għandhom aktar minn tlieta u għoxrin (23) sena, u konsegwentement ir-relatur huwa tal-fehma li l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.***

## *It-Tieni Talba*

18. *Fit-tieni talba tagħha, l-attriċi talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attriċi* ***għaliha u għall-minuri G C****, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju tiegħu mill-impjieg jew xogħol jew kull dħul ieħor li huwa għandu jew jista' jkollu; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut kull sena.*

    *Il-konvenut da parti tiegħu wieġeb u qal li l-attriċi kapaċi taħdem, diġa qegħda tipperċepixxi benefiċċji soċjali fl-ammont ta' erba' mitt euro fix-xahar u talab li huwa jiġi mantnut minn martu.*

19. *Ir-relatur ma jaqbilx li għax l-attriċi qegħda tipperċepixxi xi ħlasijiet mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali hija ma għandhiex tirċievi manteniment*

*mingħand żewġha. L-obbligu tal-manteniment huwa fuq il-miżżewġin u mhux fuq l-Istat. It-tort tat-tifrik ta' dan iż-żwieġ huwa tal-konvenut. Għalhekk huwa għandu jagħmel tajjeb għal ħsara li għamel f'dan iż-żwieġ u konsegwentement huwa għandu jħallas u jibqa jħallas manteniment għal martu, anke jekk din tkun qed taħdem.*

***Għalhekk hija l-fehma tar-relatur li din it-tieni talba għandha tintlaqa limitatament fil-konfront tal-attriċi stante dak li diġa ingħad dwar bint il-kontendenti G hawn fuq u ċioe li hija ma għadhiex minorenni u għandha iktar minn 23 sena, u konsegwentement tillikwida l-ammont ta' manteniment pagabbli għaliha fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin euro (€350) kull erba' ġimgħat. Dan l-ammont għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.***

***It-Tielet Talba***

20. *Fit-tielet talba tagħha, l-attriċi talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi. Il-konvenut ma jaqbilx u anzi jgħid li hija martu li ddekadiet min dan id-dritt.*

21. *Kif diġa rajna, ġaladarba rriżulta li t-tifrik taż-żwieġ għandu jkun imputabbli unikament lill-konvenut, ir-relatur huwa tal-fehma li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi.*

***In vista ta' dak suespost aktar il-fuq f'din ir-relazzjoni, hija l-fehma tar-relatur li l-Onorabbli Qorti għandha tilqa it-tielet talba tal-attriċi.***

***Ir-Raba' Talba***

22. *Fir-raba' talba tagħha, l-attriċi talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża iżda mhux biss l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attriċi. Il-konvenut ma qabilx ma din it-talba.*

*Ikkunsidra;*

*Ftit hemm xi tgħid dwar din it-talba, ħlief li din għandha tintlaqa tenut kont tal-fatti ta' dan il-każ u ta' dak li qiegħed jiġi suggerit lill-Onorabbli Qorti biex jiġi deċiż f'dan il-każ.*

***In vista ta' dak suespost aktar il-fuq f'din ir-relazzjoni, hija l-fehma tar-relatur li l-Onorabbli Qorti għandha tilqa r-raba' talba tal-attriċi u bl-applikazzjoni tal-artikoli 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili, tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.***

***<u>Il-Ħames Talba</u>***

23. *Fil-ħames talba tagħha, l-attriċi talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u tassenja porzjon lilha u porzjon lill-konvenut ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-każ tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

24. *Illi permezz ta' nota konġuntiva datata 6 ta' Ġunju, 2018 (fol. 472) il-partijiet qablu s-segwenti dwar il-ġid li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

    i. *Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali bl-indirizz 11, Triq il-Feniċi, Mosta, għandhom jiġu assenjati kollha lill-attriċi, ħlief għall-mobbli u għodda li hemm fil-garage, li għandhom jiġu assenjati lill-konvenut. Għal kull fini qed jiġu annessi mal-preżenti nota diversi ritratti tal-oġġetti (makkinarju u apparat relatati mas-sengħa tal-kostruzzjoni, u oġġetti oħra) li jinsabu fil-garaxx u li għandhom jiġu assenjati lill-konvenut u dan bħala dok. JA1 sa JA17.*

    ii. *Illi l-istess dar matrimonjali, 11, Triq il-Feniċi, Mosta tiswa erba' mija u sittin elf euro (€460,000). Sussegwentement, b'nota oħra konġunta datata 16 ta' April, 2019 (fol. 493) dan il-valur ġie rivedut għal tmien*

*mija u sebgħin elf euro (€870,000).*

25. *Illi inoltre dan, mill-atti proċesswali jirriżulta li skont ma xehed Brian Farrugia l-konvenut għandu żewġ vetturi u ċioe:*

    i. *Truck tal-marka Isuzu Elf bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni EBG-625. Skont in-nota konġunta tal-partijiet datata 6 ta' Ġunju, 2018 (fol. 472) l-istess partijiet qablu li din hija fil-pussess tal-konvenut u tiswa tlett elef u ħames mitt euro (€3,500). Skont ma jirriżulta mix-xhieda, din il-vettura ġiet reġistrata fuq il-konvenut fil-25 ta' Ġunju, 2001.*

    ii. *Komatsu Crane bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni ABP-682. Skont sentenza datata 30 ta' Mejju, 2016 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs D C (fol. 436) din il-vettura ġiet ikkonfiskata. Fin-nota konġunta tal-partijiet datata 6 ta' Ġunju, 2018 (fol. 472) l-istess partijiet qablu li dan il-crane jiswa erbat elef u ħames mitt euro (€4,500). Skont ma jirriżulta mix-xhieda, din il-vettura ġiet reġistrata fuq il-konvenut fid-19 ta' Frar, 2007. Kif diġa ngħad sussegwentement din il-vettura ġiet ikkonfiskata.*

    iii. *Min-nota konġunta tal-partijiet datata 6 ta' Ġunju, 2018 (fol. 472) l-istess partijiet qablu li l-attriċi għandha vettura tat-tip Toyota Platz (EBI-164) li hija fil-pussess tagħha u li tiswa elfejn euro (€2,000). Skont ma jirriżulta mix-xhieda, din il-vettura ġiet reġistrata fuq l-attriċi fis-17 ta' Ottubru, 2003.*

26. *<u>Kontijiet bankarji</u>.*

*Audrey Ghigo, għan-nom tal-HSBC Bank Malta p.l.c. xehdet u qalet li:*

i. *Fuq D C hemm savings account bin-numru X li nfetaħ fit-3 ta' Awwissu, 2002 u sat-13 ta' Settembru, 2011 kien għad fadal bilanċ ta' €244.92c (dok. AG1).*

ii. *Fuq AB C hemm current account bin-numru X li nfetaħ fil-25 ta' Lulju, 2001 u li sat-13 ta' Settembru, 2011 kien għad fadal bilanċ ta'*

*€285.22c (dok. AG2).*

iii. *Fuq AB C hemm savings account bin-numru X li nfetaħ fis-7 ta' Awwissu, 2002 u li sat-13 ta' Settembru, 2011 kien hemm bilanċ ta' €26.13c (dok. AG3).*

iv. *Fuq isem il-partijiet konġuntivament hemm savings account bin-numru X li kellu numru qadim 614197471, infetaħ fl-14 ta' Awwissu, 1995 u li sat-13 ta' Settembru, 2001 kien hemm bilanċ ta' €4,248.24c (dok. AG4). Il-flejjes f'dan il-kont intużaw biex jiġi saldat kont pendenti mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan wara d-debita awtorizzazzjoni datata 23 ta' Ottubru, 2017 (fol. 459).*

v. *Fuq isem il-partijiet konġuntivament hemm fixed term account bin-numru X u li skada fit-3 ta' Settembru, 2011. Dan il-kont reġgħa ġie mġedded sat-3 ta' Settembru, 2012 u fih €2,586.37c (dok. AG5).*

vi. *Il-konvenut kellhu ukoll żewġ kontijiet tat-tip fixed term deposit account bin-numri X u X u li ngħalqu fit-3 ta' Diċembru, 2004 u fid-9 ta' Diċembru, 2006 rispettivament.*

vii. *Fuq isem il-partijiet konġuntivament hemm fixed term deposit account bin-numru X li ngħalaq fid-9 ta' Settembru, 2006.*

*27. <u>Kontijiet oħra</u>.*

*Dr Aron Brancaleone, għan-nom ta' Calamatta, Cuschieri & Co. Ltd xehed u qal li fuq isem iż-żewġ partijiet hemm kont fuq isem il-partijiet u li sas-27 ta' Ottubru, 2011 kien jiswa €3,316.13c (dok. AB1 u dok. AB2). L M xehdet u qalet li dawn l-ammonti ġejjin minn flejjes parafernali tal-konvenut. Din ix-xhud kienet qalet li fis-sena 2001 ommha kienet tat is-somma ta' Lm2,000 lil kull wieħed u waħda minn uliedha, inkluż il-konvenut. Dawn il-flus, kompliet tgħid ix-xhud ġew investiti ma' Calamatta, Cuschieri and Co mill-attriċi. L-attriċi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2017 tikkonferma dan il-fatt.*

*28. <u>Id-dar matrimonjali</u>.*

*In-Nutar John Debono esebixxa kuntratt magħmul fl-atti tiegħu datat 21 ta' Novembru, 1984 bejn il-Gvern ta' Malta u l-konvenut D C. Permezz ta' dan il-kuntratt, ġiet akkwistata biċċa art fil-limiti tal-Mosta, f'kontrada XX fi triq ġdida bla isem li fiha l-kejl ta' mija ħamsa u disgħin mteri kwadri (195m.k.) u tmiss Lvant u Nofsinhar ma' żewġ toroq ġodda proġettati bla isem, Tramuntana ma plot mitejn u disgħa u sebgħin (279) libera u franka. Fl-istess kuntratt hemm indikat li "karti relattivi għal dana l-att huma ittra L erba' mija sebgħa u tmenin /tlieta u tmenin/wieħed wieħed wieħed/ mitejn u tmienja u sebgħin (L.487/83/III/278)" (fol. 89).*

*Dwar din l-istess proprjeta, xehed Frank Mizzi rappreżentant tad-Dipartiment tal-Artijiet quddiem ir-relatur fit-2 ta' Frar, 2012 u qal testwalment hekk:*

*"Jien enforcement co-ordinator fid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Qed nesebixxi kopja tal-kuntratt li sar bejn il-Gvern ta' Malta u D sive D C. Dan il-kuntratt iġib id-data tal-21 ta' Novembru 1984 u ġie ppubblikat min-Nutar John Debono. Dan qiegħed jiġi mmarkat bħala Dok FM. Fin-1984 kienet ħarget skema ntitolata "applikazzjoni għal xiri ta' biċċa art" taħt l-Att tan-1983 dwar arei ta' żvilupp. Qed nippreżenta kopja ta' l-applikazzjoni li kien għamel D C li qegħda tiġi mmarkata bħala Dok FM1.*

***<u>Għandi ngħid ukoll li s-Sur C ma kienx jikkwalifika għal din l-art li kieku ma kienx għarus. Din kienet rekwiżit essenzjali</u>****. Kien hemm kundizzjonijiet oħra li kollha ġew entrenched fil-kuntratt.* ***<u>Bħala ġuvni ma setax japplika u ma kienx jikkwalifika</u>****.*

*Qed neżebixxi ukoll Dok FM2 li hija ittra datata 30 ta' Awissu 1984 u li permezz tagħha d-dipartiment bagħat jinforma lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi aċċettata. Kellu jħallas ukoll Lm50 għal kuntratt.*

*F'Marzu 2002, in-Nutar Debono, bagħat ittra lid-Dipartiment biex jiġi kkanċellat il-privileġġ li kien hemm fuq l-imsemmi post (Dok FM3) u dan sar fl-1 ta' Frar 2011 (Dok FM4).*

*Fit-18 ta' Jannar 2011 in-Nutar Debono reġgħa bagħat reminder (Dok FM5) u Dok FM6 huwa l-istima tal-Perit li kien nefaq Lm4,000 skond ma kien obbliga ruħu fil-kuntratt.*

***Il-kuntratt kien isir fuq min applika u mhux fuq l-għarus jew l-għarusa li ma tkunx applikat.***

***F'għajnejn id-Dipartiment id-dar li nxtrat bil-kuntratt tal-21 ta' Novembru, 1984 fl-atti tan-Nutar John Debono tappartjeni lit-tnejn. Nerga' nghid li applikazzjoni ta' persuna waħedha ma setatx issir u ma kienetx tiġi aċċettata***".

*(sottolinejar u enfażi tar-relatur).*

29. *Dan il-punt huwa ikkonfermat ukoll minn Martin Bajada, direttur tal-Awtorita tal-Artijiet li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2017 qal li:*

"*B'referenza għall Avviż Nru. 416 fil-gażżetta tal-gvern datata 15 ta' Mejju, 1984 dwar bejgħ ta' bċejjeċ ta' art nagħmel referenza għal klawsola numru 5 ta' l-avviz li jaqra hekk: "5. Fil-każ ta' miżżewgin jew għarajjes, għandha ssir applikazzjoni waħda biss jew f'isem ir-raġel jew il-mara, jew f'isem l-għarus jew l-għarusa, skont il-kaz". Il-prassi dak iż-żmien kienet li jekk persuna ma tkunx għarusa jew għarus, ma setax jikkwalifika għal din l-iskema. Fil-fatt ma sibna l-ebda applikazzjoni ta' għazeb jew xebba waħedha. Nagħmel referenza ukoll għall ittra li intbagħtet lill-konvenut mid-Dipartiment ta' l-Artijiet datata 30 ta' Awwissu, 1984 li permezz tagħha ġie notifikat li l-applikazzjoni ġiet milqugħa u sabiex huwa jersaq għal kuntratt. Ittra lill-għarusa f'dan il-każ, u fil-każijiet l-oħra ma kienitx tintbagħat. Fl-applikazzjoni oriġinali kien hemm imniżżel li l-attriċi kienet għarusa mal-konvenut. L-isem ta' l-għarusa kien AE residenti X, XX Street, Birżebbuġa. ... L-iskop pero kien li l-proprjeta tiġi żviluppata f'dar residenzjali għat-tnejn*".

30. *Il-konvenut fix-xhieda tiegħu jgħid li "l-plot fejn bnejna d-dar tal-Mosta ma kienitx taħt l-iskema tal-għarrajjes iżda ta' min irid". Din ovvjament hija ideja żbaljata tiegħu u li daħħalha f'rasu u ma jista u ma jrid qatt joħroġha min hemm. Illi r-relatur ma għandux dubbju li d-dar matrimonjali tappartjeni liż-żewġ partijiet b'mod ugwali, anke in vista tax-xhieda mogħtija miż-żewġ rappreżentanti hawn fuq indikati. Dan mhux l-ewwel każ tax-xorta tiegħu. Ara f'dan ir-rigward* **Lawrence Lanzon vs Rosette Lanzon**, *deċiża mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar is-*

*26 ta' Ottubru, 2006*[25] *u* ***Alexandra Chetcuti pro et noe vs Jesmond Chetcuti*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar is-27 ta' Ottubru, 2011*[26]*. Illi għalhekk, meta l-konvenut kien qiegħed jakkwista l-proprjeta li fuqha inbniet id-dar matrimonjali ġewwa l-Mosta huwa kien qiegħed jagħmel dan għan-nom ta' martu, dak iż-żmien għarusa tiegħu, u ċioe l-attriċi.*

<u>*Passiv*</u>

31. *Il-konvenut, fis-seduta tad-19 ta' Ġunju, 2012 qal li kien hemm dejn mad-Dipartiment tal-VAT, dipartiment tas-sigurta soċjali (bollol), dipartiment tat-Taxxi Nterni, kontijiet ta-television, tat-telephone u tad-dawl u l-ilma. Dwar il-kontijiet pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, r-relatur jagħmel referenza għar-rikors konġunt datat 19 ta' Ottubru, 2017 (fol. 456) u għad-digriet relattiv datat 23 ta' Ottubru, 2017 (fol. 459) u għan-nota konġuntiva tal-partijiet datata 6 ta' Ġunju, 2018 (fol. 472) li fiha ddikjaraw li "d-debitu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti li l-partijiet kellhom mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ġie saldat minnhom f'sehem indaqs bejniethom fil-mori tal-kawża, u li għalhekk dan id-debitu m'għandux jitqies u jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti" (fol. 473). Dwar il-kumplament tal-kontijiet, l-attriċi filwaqt li tammetti li hija kienet tieħu ħsieb li thallashom peress li żewġha kien jgħaddilha l-flus għalihom, hija qalet, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2012 li "minn kemm ilni li tkeċċejt mid-dar minn żewġhi ma nafx x'ġara minnhom. Is-servizzi kienu fuq isem żewġhi. Meta bdew jinqalgħu l-kwistjonijiet il-karti beda jeħodhom hu".*

32. *K Busuttil, rappreżentant tal-GO plc xehed fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2012 u qal li hemm kont pendenti ta' €632.83c u dan il-kont huwa dovut għal perjodu Settembru, 2010 u Ġunju, 2011. L-aħħar pagament kien sar f'Settembru, 2010 fl-ammont ta' €72.04c. L M, oħt il-konvenut qalet li l-partijiet kienu ħallsu l-ammont ta' ċirka €550 bejniethom.*

33. *Audrey Ellul rappreżentanta tal-ARMS qalet li hemm kont pendenti fuq id-dar matrimonjali. Sal-21 ta' Jannar, 2013 dan l-ammont kien ta'*

[25] Rik. Maħ. Nru. 1197/2002/NC;
[26] Rik. Maħ. Nru. 105/2004/NC;

*€3,453.80c. Skont rendikont ippreżentat minn L M fil-5 ta' Ottubru, 2016, dan l-ammont kien tela' għal €8,720.22c. Meta imbagħad xehdet fis-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2017 hija qalet li l-ammont dovut kien nieżel għal xi ħaġa fuq it-€3,000 u li d-differenza bejn iż-żewġ ammonti kienet li filwaqt li tal-ewwel kien stima, tat-tieni kien attwali.*

34. *Illi skont rikors mressaq mill-konvenut fil-5 ta' Settembru, 2011, il-konvenut kellhu kont pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (VAT) ta' €7,593.51c. Skont ma xehdet oħt il-konvenut L M, u kif jirriżulta mid-dokument immarkat bħala dok. AD11 ippreżentat fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2016, fl-24 ta' Frar, 2014 sar pagament lid-Dipartiment tal-VAT fl-ammont ta' €5,481.14c.*

35. *Jidher ukoll li hemm kwistjoni dwar il-bollol. Skont rendikont ippreżentat minn L M fil-5 ta' Ottubru, 2016, dan l-ammont kien ta' €7,271.48c. Dwar dan l-aħħar ammont, oħt il-konvenut qalet li "dwar l-NI ma kienx hemm kontijiet iżda kien ħadem is-somma l-accountant John".*

36. *Il-konvenut qal ukoll li huwa għandu, b'titolu ta' qbiela wejba raba fil-limiti taż-Żebbiegħ magħrufa bħala Tas-Santi. Sid din ir-raba huwa Nicholas Jensen Testaferrata. Dan tal-aħħar xehed u qal li omm il-konvenut kienet l-inkwilina oriġinali tal-għalqa u li l-konvenut ġie rikonoxxut f'April, 1999.*

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

37. *Illi m'hemmx kwistjoni, in vista tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti datata 28 ta' Jannar, 2011 li dak kollu li daħlu l-partijiet min din id-data il-quddiem jappartjeni esklussivament lilhom. Il-kwistjoni hija dwar ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet qabel din id-data.*

38. *Fit-18 ta' April, 2011 l-attriċi kienet sfat imkeċċija mid-dar matrimonjali wara li kien seħħ l-episodju tal-crane, fejn il-konvenut kien mar u litteralment beda jkisser bih l-istess dar matrimonjali. Għalhekk, għar-rigward tal-kontijiet relatati mad-dar matrimonjali mid-data li fiha l-attriċi sfat imkeċċija lil hawn, dawn għandhom ikunu a kariku esklussiv tal-konvenut. Qabel dik id-data, dawn il-kontijiet għandhom jiġu diviżi b'mod*

*ugwali. Għalhekk f'dan ir-rigward, is-segwenti kontijiet:*

i. *Go p.l.c. K Busuttil, rappreżentant tal-GO plc xehed fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2012 qal li hemm kont pendenti ta' €632.83c u dan il-kont huwa dovut għal perjodu Settembru, 2010 u Ġunju, 2011. Oħt il-konvenut qalet li l-partijiet kienu ħallsu l-ammont ta' ċirka €550 bejniethom. Għalhekk kull bilanċ li għad fadal għar-rigward ta' dan il-kont għandu jagħmel tajjeb għalih il-konvenut.*

ii. *ARMS Ltd. Audrey Ellul, rappreżentanta tal-ARMS qalet li hemm kont pendenti fuq id-dar matrimonjali u li sal-21 ta' Jannar, 2013 dan l-ammont kien ta' €3,453.80c. L-aħħar kont li kien ħareġ qabel ma seħħ l-inċident tal-crane kien dak tal-5 ta' Marzu, 2011. Sa dak-in-nhar il-kont pendenti kien ta' €2,593.23c. Fl-14 ta' Marzu, 2011 tħallset is-somma ta' mitt euro (€100) minn dan il-kont biex b'hekk kien hemm dovut l-ammont ta' €2,493.23c. Dan l-ammont għandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet u allura l-attriċi għandha tħallas l-ammont ta' €1,246.61c filwaqt li l-konvenut għandu jħallas ir-rimanenti €1,246.61c. Il-kumplament tal-kont mill-14 ta' Marzu, 2011 il-quddiem għandu jagħmel tajjeb għalih il-konvenut.*

39. *Skont ma jirriżulta mill-provi, kien hemm kont pendenti mad-Dipartiment tal-VAT ta' €7,593.51c. Fl-24 ta' Frar, 2014 sar pagament akkont ta' €5,481.14c. B'hekk fadal bilanċ ta' €2,112.37c. Dan l-ammont, u kull ammont ieħor verjuri dovut lid-Dipartiment tal-VAT għandhu jagħmel tajjeb għalihom biss il-konvenut.*

40. *Skont ma jirriżulta mill-provi, hemm ukoll pendenti l-ħlas tal-bolol. Skont ma xehdet L M, oħt il-konvenut fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2016 dan l-ammont kien ta' €7,271.48c. Dan l-ammont pero ma huwiex maħdum b'mod uffiċjali mid-Dipartiment tat-Taxxi iżda hija somma maħduma mill-accountant tal-konvenut. Ir-relatur ma huwiex edott mill-fatt jekk dan l-ammont imurx oltre d-data tax-xoljiment tal-komunjoni. Illi għalhekk, jekk hemm xi bollol dovuti sas-27 ta' Jannar, 2011, dawn għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Mit-28 ta' Jannar, 2011, data tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, il-quddiem kull ammont dovut f'dan ir-rigward għandu jagħmel tajjeb għalihom biss il-konvenut.*

41. *Dwar il-vetturi, kull wieħed u waħda mill-partijiet iżommu l-vettura tagħhom. Għalhekk, l-attriċi għandha żżomm il-vettura tat-tip Toyota Platz bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni EBI-164 stmata fl-ammont ta' €2,000. Il-konvenut da parti tiegħu għandu jżomm it-Truck tal-marka Isuzu Elf bil-pjanċa ta' registrazzjoni EBG-625 stmat fl-ammont ta' €3,500. Dwar il-Crane Komatsu, bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni ABP-682 dan ġie kkonfiskat mill-awtoritajiet peress li huwa kien wettaq reat bih (meta kisser id-dar matrimonjali bl-imsemmi crane). Dan il-crane kien ġie stmat mill-partijiet fl-ammont ta' €4,500. Peress li l-attriċi ma kellha x'taqsam xejn mal-konfiska hija għandha tiġi kkumpensata mill-konvenut għal nofs il-valur ta' dan il-crane. B'kollox għalhekk, anke peress li hemm differenza bejn il-valuri tal-partijiet, il-konvenut għandu jgħaddi l-ammont ta' tlett elef euro (€3,000) lill-attriċi.*

42. *Għar-rigward tal-kontijiet bankarji, kulħadd iżomm il-kontijiet bankarji intestati fuq isimhom, inkluż l-ammonti li hemm f'dawn il-kontijiet.*

43. *Dwar id-dar matrimonjali, din kif diġa rajna, tappartjeni liż-żewġ partijiet b'mod ugwali. Dan il-fond għandu jitqiegħed għal bejgħ bil-liċitazzjoni, u r-rikavat jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.*

44. *Dwar il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali bl-indirizz X, Triq il-X, Mosta, dawn għandhom jiġu assenjati kollha lill-attriċi, ħlief għall-mobbli u għodda li hemm fil-garaxx, li għandhom jiġu assenjati lill-konvenut.*

45. *Ir-raba li hemm fil-limiti taż-Żebbiegħ magħrufa bħala tas-Santi hija parafernali tal-konvenut u għalhekk din għandha tibqa fil-pussess tiegħu.*

46. *Il-kont li hemm għand Calamatta, Cuschieri & Co. Ltd intestat fuq isem il-partijiet għandu jingħata esklussivament lill-konvenut peress li jirriżulta mix-xhieda li l-ammonti li hemm f'dawn il-kontijiet ġejjin minn krediti parafernali tal-konvenut. Dan il-fatt ġie ikkonfermat mill-attriċi stess fl-10 ta' Ottubru, 2017.*

***Għalhekk hija l-fehma tar-relatur li l-Onorabbli Qorti għandha tilqa l-ħames***

***talba u tillikwida u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ġja mwaqqfa skont dak stabbilit f'din il-parti.***

***Is-Sitt Talba***

47. *Fis-sitt talba tagħha, l-attriċi talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tassenja lill-attriċi nofs id-dar matrimonjali li tikkonsisti f'dar u garaxx bin-numru XX, Triq il-X, Mosta, ġia plot XXX fil-kontrada XX, limiti tal-Mosta, tal-kejl ta' mija u ħamsa u disgħin metru kwadru, jew inkella tassenja lill-attriċi nofs il-valur tal-imsemmi fond matrimonjali fi flus; u jekk okkorrendo jkun il-każ tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

*Konsiderazzjonijiet*

*Kif diġa ingħad, ir-relatur huwa tal-fehma li d-dar matrimonjali u l-garaxx anness jappartjenu ugwalment lill-partijiet. Dikjarazzjoni bħal din hija biżżejjed għal fini ta' din it-talba u ma hemmx il-ħtieġa ta' xi assenjazzjoni kif mitlub.*

***Għalhekk hija l-fehma tar-relatur li l-Onorabbli Qorti għandha tilqa s-sitt talba u tiddikjara li d-dar matrimonjali bin-numru XX Triq il-X, Mosta, ġia plot XXX) fil-kontrada XX, limiti tal-Mosta, flimkien mal-garaxx magħha tappartjeni liż-żewġ partijiet b'mod ugwali.***

***Is-Seba' Talba***

48. *Fis-seba' talba tagħha, l-attriċi talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u/jew jittieħed kont tal-valur tagħhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur għandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attriċi fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.*

*Konsiderazzjonijiet*

49. *L-attriċi fil-*kontro-*eżami tagħha magħmul nhar it-3 ta' Novembru, 2014 qalet li hija kellha xi flejjes barra minn Malta ġejjin mill-wirt ta' missierha. Qalet li hija kienet ġabet dawn il-flejjes Malta u poġġiethom ġo kont bankarju konġunt. Ma hemmx prova ta' kemm kienu dawn l-*ammonti *li l-attriċi tgħid li ġabet hawn Malta u allura fin-nuqqas ta' dan, din it-*talba *ma tistax tintlaqa.*

***Għalhekk hija l-fehma tar-relatur li l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad is-seba' talba tal-attriċi.***

***<u>Id-Disa' Talba</u>***

50. *Fid-disa' talba tagħha, l-attriċi talbet lill-*Onorabbli Qorti sabiex *tawtorizzaha tgħix u tabita fid-*dar matrimonjali flimkien mal-minuri G C u t-tifla l-oħra F C, *u dana ad eskluzjoni tal-konvenut u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-*iskop.

*<u>Konsiderazzjonijiet</u>*

51. *Ir-relatur huwa tal-*fehma, *in vista ta' dak li ingħad aktar il-*fuq li jkun fl-interess ta' kulħadd li d-dar matrimonjali flimkien mal-garaxx anness magħha jinbiegħu u r-rikavat jinqasam kif diġa ngħad. Konsegwentement din it-talba tal-*attriċi ma għandhiex tintlaqa.*

***Għalhekk hija l-fehma tar-relatur li l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad id-disa' talba tal-attriċi.***

***<u>L-Għaxar Talba</u>***

52. *Fl-għaxar talba tagħha, l-attriċi talbet lill-*Onorabbli Qorti sabiex *tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha u ċioe E.*

*Din it-*talba għandha tintlaqa.*

***Għalhekk hija l-fehma tar-relatur li l-Onorabbli Qorti għandha tilqa l-għaxar talba tal-attriċi.***

***KONKLUZJONI***

53. ***GĦALDAQSTANT*** *in vista ta' dak hawn fuq premess, ir-relatur huwa tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha, prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet mressqa mill-konvenut fir-risposta maħlufa tiegħu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, tgħaddi biex:*

1. *TILQA l-ewwel talba, u konsegwentement tiddikjara li ż-żwieġ tkisser bi ħtija esklussiva tal-konvenut minħabba sevizzi, eċċessi u minaċċi u anke l-għaliex il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet illum il-ġurnata ma għadhiex possibbli u konsegwentement tawtorizża lill-partijiet jgħixu separatament.*

2. *TILQA t-tieni talba limitatament fil-konfront tal-istess attriċi u konsegwentement TILLIKWIDA l-ammont ta' manteniment pagabbli għaliha fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin euro (€350) kull erba' ġimgħat, liema ammont għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. TORDNA li dan l-ammont jiġi mnaqqas direttament mis-salarju tiegħu mill-impjieg jew xogħol jew kull dħul ieħor li huwa għandu jew jista' jkollu u TASTJENI mill-kumplament tat-talba stante li bint il-partijiet llum il-ġurnata ma għadhiex minorenni u għalqet it-tlieta u għoxrin (23) sena.*

3. *TILQA t-tielet talba u TIDDIKJARA li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi.*

4. *TILQA r-raba talba u bl-applikazzjoni tal-artikoli 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili, tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *TILQA l-ħames talba u IXXOLJI u TILLIKWIDA l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti bis-segwenti mod:*

   i. *Il-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Jannar, 2011. Dak kollu li*

*daħlu l-partijiet min din id-data il-quddiem jappartjeni esklussivament lilhom.*

ii. *Għar-rigward tal-kontijiet relatati mad-dar matrimonjali mit-18 ta' April, 2011 u ċioe mid-data li fiha l-attriċi sfat imkeċċija minnha minħabba l-agir illegali tal-konvenut lil hawn, dawn għandhom ikunu a kariku esklussiv tal-konvenut. Qabel dik id-data, dawn il-kontijiet għandhom jiġu diviżi b'mod ugwali. Għalhekk f'dan ir-rigward, is-segwenti kontijiet għandhom ikunu diviżi hekk:*

a. *Go p.l.c. kull bilanċ li fadal għandu jħallashom kollha l-konvenut.*

b. *ARMS Ltd. L-attriċi għandha tħallas l-ammont ta' €1,246.61c filwaqt li l-konvenut għandu jħallas il-bilanċ kollhu li fadal.*

c. *Dipartiment tal-VAT. Il-bilanċ li fadal għandu jagħmel tajjeb għalih il-konvenut.*

d. *Hlasijiet dovuti bħala kontribuzzjoni għas-Sigurta Soċjali. Jekk hemm xi kontribuzzjonijiet dovuti sas-27 ta' Jannar, 2011 għandhom jitħallsu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Mit-28 ta' Jannar, 2011, data tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, il-quddiem kull ammont dovut f'dan ir-rigward għandu jagħmel tajjeb għalihom biss il-konvenut.*

e. *Dwar il-vetturi, kull wieħed u waħda mill-partijiet iżżommu l-vettura tagħhom. Il-konvenut għandu jagħti lill-attriċi l-ammont ta' tlett elef euro (€3,000) f'dan ir-rigward kif spejagt aħjar aktar il-fuq.*

f. *Għar-rigward tal-kontijiet bankarji, kulħadd iżomm il-kontijiet bankarji intestati fuq isimhom, inkluż l-ammonti li hemm f'dawn il-kontijiet.*

g. *Id-dar matrimonjali bl-indirizz 11, Triq il-Feniċi, Mosta, flimkien mal-garaxx anness magħha tappartjeni lill-partijiet*

*b'mod ugwali. Din il-proprjeta immobbli għandha tinbiegħ bil-proċedura tal-liċitazzjoni bl-intervent ta' oblaturi estraneji u r-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjez għandu jiġi diviż b'mod ugwali bejn il-partijiet.*

h. *Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali bl-indirizz 11, Triq il-Feniċi, Mosta, għandhom jiġu assenjati kollha lill-attriċi, ħlief għall-mobbli u għodda li hemm fil-garaxx, li għandhom jiġu assenjati lill-konvenut.*

i. *Ir-raba li hemm fil-limiti taż-Żebbiegħ magħrufa bħala tas-Santi hija parafernali tal-konvenut u għalhekk din għandha tibqa fil-pussess tiegħu.*

j. *Il-kont li hemm għand Calamatta, Cuschieri & Co. Ltd intestat fuq isem il-partijiet għandu jingħata esklussivament lill-konvenut peress li jirriżulta mix-xhieda li l-ammonti li hemm f'dawn il-kontijiet ġejjin minn krediti parafernali tiegħu.*

6. *TILQA s-sitt talba u TASSENJA lill-attriċi nofs id-dar matrimonjali li tikkonsisti f'dar u garaxx bin-numru ħdax (11), Triq il-Feniċi, Mosta, ġia plot numru mitejn u tmienja u sebgħin (278) fil-kontrada Santa Margerita, limiti tal-Mosta, tal-kejl ta' mija u ħamsa u disgħin metru kwadru u TINNOMINA nutar tal-għażla tagħHA sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

7. *TIĊĦAD is-seba' talba.*

8. *TASTJENI milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba stante li bint il-kontendenti llum hija maġġorenni.*

9. *TIĊĦAD id-disa' talba stante dak ordnat dwar id-dar matrimonjali u l-garaxx anness magħha aktar il-fuq.*

10. *TILQA l-għaxar talba u TAWTORIŻŻA lill-esponenti tirriverti għal*

*kunjom xbubitha u ċioe E.*

11. *L-ispejjeż, in vista ta' dak hawn fuq deċiż għandhom jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-konvenut.*

*Tant għandu l-unur x'jissottometti r-relatur għas-savju u superjuri ġudizzju ta' l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħa konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawza. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qeda bis-sewwa l-obbligu tiegħu u pprovda lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-kaz odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

## 2. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li D C huwa ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid u offizi gravi. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ u tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut, *in toto* jew *in parte*, id-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi dikjarat li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob u/jew jottjeni manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tordna li l-kura u kustodja ta' G C tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li l-konvenut jiġi ordnat iħallas manteniment adegwat għall-istess minuri;

4. Tordna li l-attriċi għandha tingħata manteniment għaliha personalment;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, fejn għandha tassenja lill-attriċi nofs indiviz tad-dar matrimonjali, u konsegwentament tillikwida u tassenja lill-attriċi ukoll dawk l-assi u krediti li huma parafernali tagħha;

6. Tordna u tawtorizza lill-attriċi tgħix ġewwa id-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha, u dan ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha *'E'*.

Min-naħa l-oħra l-konvenut, filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi. Fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni, il-konvenut jaqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata izda huwa tal-fehma li dak kollu li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti għandu jingħata kollu lilu stante li l-attriċi qatt ma kkontribwixxiet xejn għall-imsemmija reġim li jadopera bejn il-partijiet. Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iz-zwieġ tagħhom. Jidher ċar għall-Qorti li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taz-zwieġ.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tinnota ukoll li għalkemm ma' hemm l-ebda kontro-talba da parti l-konvenut, jidher illi filwaqt din l-azzjoni ġiet intavolata mill-attriċi nhar is-16 ta' Novembru 2010, il-konvenut ipproċeda b'azzjoni oħra għal separazzjoni personali nhar is-6 ta' Diċembru 2010, liema azzjoni għandha n-numru 421/2010 AL. Għaldaqstant il-Qorti kienet tal-fehma illi ikun idoneju li z-zewġ azzjonijiet jimxu flimkien, anke sabiex il-provi imresqa mill-partijiet ikunu jikkostitwixxu stat ta' prova fiz-zewġ kawzi.[27]

### 3. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

[27] Fol. 77 tal-proċess numru 421/2010 AL.

<u>*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*</u>

Fl-affidavit tagħha l-attriċi tispjega li saret taf lil D C f'Settembru tas-sena 1982, u wara relazzjoni ta' madwar sentejn, il-partijiet bdew jaħsbu sabiex jixtru biċċa art flimkien tant li kienu ftehmu li jixtru biċċa art ġewwa Ħal-Lija flimkien bil-qbil li l-attriċi toħroġ il-flus filwaqt li l-konvenut jibni d-dar. Sena wara, l-attriċi tgħid li kienu ħarġu għal bejgħ numru ta' plots tal-gvern taħt skema tal-għarajjes. Missier il-konvenut kien tefa' applikazzjoni f'isem il-partijiet, u din ġiet magħzula, fejn il-partijiet ingħataw il-possibilita' li jixtru plot ġewwa l-Mosta. L-attriċi tispjega li l-partijiet aċċettaw li jixtru dan il-plot ġewwa l-Mosta, izda tgħid illi in vista li dak iz-zmien il-konvenut kien għadu bla impjieg, kienet proprju hi li ħarġet is-somma ta' tlett mija u ħamsin lira Maltin (LM350) sabiex tinxtara din l-art ġewwa l-Mosta. Konsegwentament, il-konvenut beda jaħdem ma' kumpanija tal-kostruzzjoni, ossia Attard Bros., u kien sar ftehim bejn il-partijiet u s-sid ta' Attard Bros. sabiex ipartu l-art ta' Ħal-Lija ma' materjal, bl-intiza li b'tali materjal l-partijiet ikunu f'pozizzjoni li jibnu l-plot tal-Mosta. Fil-fatt jingħad li hekk sar, u l-attriċi tikkontendi li *"Dan il-materjal gie uzat fil-plot li hadna gewwa l-Mosta. Dan il-plot tellajnieh finanzjarjament flimkien"*.[28]

Jingħad illi waqt l-għerusija tagħhom, il-partijiet ma kellhomx problemi. Il-partijiet izzewġu u sena wara z-zwieġ, l-attriċi waqfet mix-xogħol. L-attriċi tikkontendi li l-inkwiet beda wara t-twelid tal-ewwel tarbija, hekk kif skont l-attriċi *"ir-relazzjoni ta bejnietna nbidlet minn lejl ghal nhar"*.[29] Mat-twelid tal-ewwel wild, l-attriċi kellha stress kbir stante li t-tarbija kienet dejjem tibki, filwaqt li hi kienet tkun dejjem magħluqa ġewwa u tgħix 'il bogħod minn kullħadd. Il-karattru tal-konvenut beda jinbidel, fejn beda l-ħin kollu jizzika lill-attriċi anke fuq ir-relazzjoni intima tagħhom stante li l-attriċi ma kienx qed ikollha ħeġġa sabiex ikollha relazzjonijiet sesswali mal-konvenut. Magħdud ma' dan, l-attriċi tagħti rendikont ta' numru ta' episodji fejn il-partijiet kellhom ġlied bl-ikrah, jew li l-konvenut kien iweġġa' lill-attriċi bi kliemu u/jew b'għemilu:

i. L-attriċi tispjega li darba minnhom inqalgħat ġlieda bejn il-partijiet meta l-attriċi staqsiet lil konvenut *"x'ħin hu"* nhar ta' Ħadd meta l-partijiet kellhom imorru għand omm l-attriċi. Għal tali domanda, jingħad li l-konvenut beda jgħajjat u jhedded bil-kliem *"ndahhallek dan il-musmar f'ghonqok"*, bil-

---

[28] Fol. 801 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[29] Fol. 802 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

konsegwenza li ma riedx jieħu lill-attriċi tara lil ommha bħas-soltu. Madanakollu l-attriċi tispjega li dakinhar hi xorta waħda marret għand ommha b'*taxi*, u lura wassalha z-ziju tagħha. Izda mal-wasla tagħha lura, l-konvenut ma riedx idaħħalha lura d-dar, u ħadet kedda kbira sabiex daħlet lura. Nonostante dan, l-attriċi tgħid li qatt ma għamlet rapport lil Pulizija għaliex qatt ma għaddielha minn moħħha. Dak il-lejl il-konvenut raqad fil-garaxx, u hekk kif l-attriċi kienet niezla ħdejh, waqat fit-taraġ peress li l-imsemmi taraġ kien bla puġġaman. Il-konvenut sema' lill-attriċi tgħajjat u għinha titla' lura fis-sodda. Madanakollu l-għada filgħodu, il-konvenut telaq għax-xogħol mingħajr ma ttawwal lill-attriċi biex jara kif kienet jew kellhiex bzonn xi għajnuna. Minħabba l-istat li kienet fih, l-attriċi saħqet illi l-għada *"kelli ncempel l-ommi biex titla' tehodli hsieb it-tifla. Hi gabituli t-tabib. Ghalhekk kienu jindahu tal-familja tieghi; ghax meta kelli bzonn dejjem lilhom sibt u jekk nigu f'dan anke hu"*.[30]

ii. L-attriċi tispjega li kien hemm episodji fejn kienet tweġġa' mmens għaliex il-konvenut kien jibqa' mqajjem bil-lejl *'għall-bzonnijiet tiegħu'* u tagħti rendikont ta' darba minnhom meta l-attriċi rat li l-konvenut kien għadu ma telgħax jorqod u nizlet isfel fejn *"nsibu jilgħab wahdu quddiem it-tv"*,[31] liema episodju baqa' jiġi ripetut kuljum għal zmien twil.

iii. L-attriċi kienet ta' sikwit tisma' mill-konvenut il-kliem bħal: *"imissek tisthi"*, *"x'gharukaza kif ma tisthix"* u *"ghax li kont mara tal-affari tieghek"*. Konsegwentament f'Jannar tal-2001, l-attriċi bdiet tħossha sejra lura – bla saħħa u dejjem tibki. Wara ġlieda minħabba n-nuqqas ta' aptit sesswali tal-attriċi, din tal-aħħar marret għand ommha u fuq struzzjoni tagħha stess, ħuha ħadha għand tabib li qaltilha li kienet qiegħda tbati minn dipressjoni. Konsegwentament Dr D E Baldacchino beda jara lill-attriċi, u fix-xhieda tiegħu kkonferma li l-attriċi kienet qiegħda tbati minn dipressjoni qawwija, u bil-mediċina apposta, l-attriċi tisħaq li bdiet tiġi f'tagħha. Madanakollu tikkonferma li għadha tieħu l-kura sal-prezent, filwaqt li tmur għal *checkups* b'mod regolari l-Isptar Mater Dei. Madanakollu, l-attriċi tgħid illi l-konvenut qatt ma interessa ruħu dwar id-dipressjoni tal-attriċi, il-fejqan tagħha jew il-visti tagħha ġewwa l-Isptar.

[30] *Ibid.*
[31] *Ibid.*

iv. L-attriċi tispjega li maz-zmien il-ġlied sar ta' kuljum u fuq affarijiet banali. Izda dejjem bix-xenati u dagħa faħxi. L-attriċi tgħid li ma kienx jimpurtah li d-dagħa kien idejjaqha lill-attriċi, anzi kien iktar jidgħi. Barra minn hekk, l-attriċi tgħid li l-konvenut għandu l-vizzju tal-alkohol, u l-attriċi tallega li dan il-vizzju kien ikkawza fil-konvenut diversi problemi, fosthom l-aċtu fl-istonku, impotenza u problemi psikoloġiċi.

v. L-aħħar ġlieda seħħet għal ħabta ta' Mejju tal-2010, fejn l-attriċi tgħid li din inqalgħat wara li kienet qaltlu sabiex ma joqgħodx itaptpilha fuq spallitha jekk tkun rieqda għax jekk iqajjimha ma tkunx tista' terġa' torqod, u bħas-soltu beda jidgħi u konsegwentament telaq 'il barra. Jingħad li l-għada l-konvenut nizzel saqqu fil-garaxx, xtara *fridge* u kitla, u beda jgħix ġol-garaxx. L-attriċi tgħid li ma kienetx tkun taf x'ħin daħal jew ħareġ. Ippruvaw ikellmuh il-familjari tal-attriċi, izda kien kollu ta' xejn. Dam jgħix fil-garaxx għal ftit zmien mhux ħazin, u l-attriċi tgħid li kienet tiġġieled miegħu anke' għaliex fil-fehma tagħha postu ma kienx fil-garaxx. F'dan iz-zmien, l-attriċi tgħid li reġgħat bdiet bil-problemi tad-dipressjoni, u bis-sewwa jew bid-dnewwa, il-konvenut reġa' tela' jgħix fid-dar matrimonjali, imma l-attitudni tiegħu ma nbidlitx, hekk kif *"beda kuljum isabbat fuq l-mejda u jghid li hemm ser isir dak li jghid hu"*.[32] L-attriċi tgħid li sfat sabiex ċemplet l-Aġenzija Appoġġ, fejn irreferewha għad-*Domestic Violence Unit* u rrealizzat li l-konvenut ma kien xejn għajr raġel abbuziv u f'għajnejn l-attriċi kollox beda jagħmel sens għaliex hi bdiet issofri mill-kundizzjoni tad-dipressjoni.

vi. F'Awwissu 2010, l-affarijiet iggravaw. Jingħad li l-konvenut ikun ta' siwkit muġugħ b'dahru, u darba fost l-oħrajn ċempel ħu l-konvenut, K C, sabiex jara kif inhu ħuh. Kienet l-attriċi li rrispondiet it-telefonata ta' K C, u hekk kif din qaltlu li ma kienetx taf x'kienet ser tagħmel b'ħuh, dan allegatament qabad jgħajjat u jgħidilha li hi u uliedha kienu bla rispett. Kien proprju f'dan iz-zmien li l-attriċi marret tieħu parir legali. Nhar l-24 ta' Awwissu 2010, l-attriċi sabet ġewwa l-garaxx kaxxa zgħira li kienet tikkontjeni flus, pakkett tas-sigaretti li fih kienu jinsabu zewġ *condoms*, biljetti u kaxxa tal-pirmli bl-isem ta' Cialis li skont l-attriċi kienu tip ta' viagra. Inzerta izda li l-konvenut qabad lill-attriċi tfittex fil-garaxx, u beda jhedded lill-uliedhom illi *"jekk l-ommkom nerga' nsibha tgerfixli fl-affarijiet tieghi, noqtolha. Nohroga f'nofs*

[32] Fol. 805 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

*ta' triq u niskarnaha".*[33] Spiċċa sabiex biddel is-serraturi u ma riedx iħalli lill-attriċi tidħol fid-dar matrimonjali, u għaldaqstant l-attriċi kellha tmur tagħmel rapport lill-Pulizija. B'hekk l-attriċi u ulied il-partijiet marru għand omm l-attriċi. L-attriċi tgħid *"spiccajt mixhuta barra minn dari".*[34]

vii. Permezz ta' digriet *pendente lite* datat 2 ta' Novembru 2010, il-Qorti ordnat li l-attriċi flimkien mal-ulied kellha tabita fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenut. Madanakollu, l-konvenut ma kienx qiegħed jaderixxi ruħu mad-digriet, tant li f'Jannar tal-2011, il-konvenut beda jibni ħitan mad-dar, biex b'hekk id-dar ġiet bħal fortizza, filwaqt li l-bibien kollha ġew mbarrati bil-ġebel. Fit-18 ta' April 2011 l-attriċi marret id-dar bl-għajnuna tal-marixxalli u l-Pulizija bl-intiza li tibda tabita hemm skont id-digriet tal-Qorti. Dakinhar stess, wara nofsinhar, il-konvenut beda jkisser id-dar bil-*crane*, tant li kellhom jissejħu fuq il-post il-Pulizija sabiex iwaqfuh. Dakinhar ġew fuq il-post ukoll oħt il-konvenut L M, li bdiet tgħajjar lill-attriċi, u kif ukoll ħu l-konvenut K C li saq għal fuq waħda mill-ulied tal-partijiet, u x'ħin ħareġ mill-karozza mar fuqha u għolla jdejh fuqha. Bl-aġir tiegħu, il-konvenut kien ikkawża ħsara estensiva lid-dar matrimonjali, u l-attriċi tgħid li hi u uliedha kienu qegħdin jibzgħu joqgħodu hemm, u tgħid *"Nistghu noqgħodu hemm b'mohhna mistrieh meta dak kollu li heddidna bih ghamlu? Kien jghidli li ser jixhetni 'sormi barra mid-dar' u hekk ghamel".*[35] Minn dakinhar 'il quddiem, l-attriċi tgħid li kompliet tirrisjedi ma' ommha ġewwa Birzebbugia.

L-attriċi tikkontendi li *"D lili qeridni, kont tfajla ferrieha dejjem nidhak u bit-tmaqdir, bl-abbuz mentali li soffrejt gejt dejjem nibki u dejjem imdejqa, hafna drabi l-anqas biss nohrog il-bieb ta' barra ghax dejjem b'ghajnejja minfuhin".*[36]

Sabiex tissostanzja l-verzjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Affidavit ta' F C*, ossia bint il-partijiet, maħluf u pprezentat nhar l-4 ta' Ottubru 2012;[37]

[33] Fol. 807 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[34] *Ibid.*
[35] Fol. 810 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[36] Fol. 804 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[37] Fol. 161 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

b. *Affidavit ta' O P E*, ossia oħt l-attriċi, maħluf nhar is-7 ta' Novembru 2012 u konsegwentament ipprezentat nhar l-20 ta' Novembru 2012,[38] u x-xhieda tal-istess ta' nhar il-14 ta' Ġunju 2011;[39]

c. *Affidavit ta' D E*, ossia ħu l-attriċi, maħluf nhar it-28 ta' Diċembru 2012 u konsegwentament ipprezentat nhar it-13 ta' Marzu 2013;[40]

d. *Kopja legali tal-Mandat ta' Inibizzjoni*, bin-numru 260/2010 AL, fuq dak kollu li allegatament jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ċD' id-dar matrimonjali, għamara u mobbli ġewwa d-dar matrimonjali, *crane* tal-għama 'Komatsu' bin-numru ta' reġistrazzjoni ABP-682, u van tat-tip Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG-258;[41]

e. *Kopja legali tal-Mandat ta' Zgumbrament*, bin-numru 284/2010 AL, u dan sabiex jiġi enforzat id-digriet *pendente lite* ta' din il-Qorti datat 2 ta' Novembru 2010;[42]

f. *Kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru*, bin-numru 199/2010 AL, fejn ġiet ikkawtelata s-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000) rapprezentanti sehem l-attriċi mill-komunjoni tal-akkwisti u d-dritt għall-manteniment għaliha personali u t-tfal;[43]

g. *Kopja tad-djarju tax-xogħol tal-konvenut*, li *inter alia*, hemm indikat fih il-qliegħ ta' kuljum tal-konvenut għas-sena 2010 mix-xogħol tiegħu bil-*crane*;[44]

h. *Affidavit ta' J E*, ossia omm l-attriċi, maħluf u pprezentat nhar it-28 ta' Mejju 2013;[45]

i. *Kopja tas-sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs D C***, deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-30 ta' Mejju

[38] Fol. 169 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[39] Fol. 532 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[40] Fol. 201 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[41] Fol. 207 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[42] Fol. 212 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[43] Fol. 215 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[44] Fol. 219 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[45] Fol. 387, 903 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

2016, u dan fir-rigward tal-episodju li seħħ nhar it-18 ta' April 2011, fejn D C ammetta l-akkuzi miġjuba kontrih u konsegwentament ġie misjub ħati;[46]

j. *Kopja tas-sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs K C***, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-11 ta' Lulju 2011, u dan fir-rigward tal-episodju li seħħ nhar it-18 ta' April 2011, fejn K C ammetta l-akkuzi miġjuba kontrih u konsegwentament ġie misjub ħati;[47]

k. *Kopja tas-sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs D C***, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-17 ta' Jannar 2012, u dan fir-rigward tal-episodju tal-24 ta' Settembru 2010, u l-Qorti sabet lil D C ħati li ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;[48]

l. *Xhieda ta' Colette Maskijevic bħala ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ ġewwa d-Domestic Violence Unit*, tal-21 ta' Marzu 2012,[49] fejn ipprezentat in-notamenti kollha li ttiehdu kull meta ltaqgħat mal-attriċi;[50]

m. *Xhieda tal-Perit Mario Cassar*, li nhar il-15 ta' Mejju 2012 ħalef ir-rapport tiegħu stess li kien redatt għal kawza kriminali;[51]

n. *Xhieda tal-Perit Valerio Schembri*, li nhar il-15 ta' Mejju 2012 ħalef ir-rapport tiegħu stess li kien redatt għal kawza kriminali;[52]

o. *Xhieda tal-Ispettur Edmond Cuschieri*, fejn ipprezenta tnax-il (12) rapport li saru minn persuni anonimi,[53] mill-attriċi,[54] u mill-konvenut;[55]

---

[46] Fol. 436 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[47] Fol. 692 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[48] Fol. 694 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[49] Fol. 699 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[50] Fol. 701 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[51] Fol. 714. 743 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[52] Fol. 715, 717 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[53] Rapport li sar nhar it-18 ta' April 2011, kontra K u D C, a fol. 764 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[54] Liema rapporti li kollha jinsabu fil-proċess bin-numru 396/2010 AL u li huma: (i) Rapport tas-26 ta' Jannar 2011 kontra D C stante li kien imbarra twieqi u bibien, a fol. 780; (ii) Rapport tat-13 ta' Novembru 2010 li sar flimkien ma' F C kontra D C stante theddid, a fol. 783; (iii) Rapport tal-24 ta' Settembru 2010 kontra D C stante li kellha bzonn l-assistenza biex tidħol ġewwa d-dar matrimonjali, a fol. 786; (iv) Rapport tad-9 ta' Settembru 2010 kontra D C fejn avzat lill-Pulizija li ħadet il-vettura tagħha minn għand D C, a fol. 790; (v) Rapport tal-24 ta' Awwissu 2010 kontra D C stante li biddel is-serratura filwaqt li tammetti li wara argument ħaditlu xi flus, *mobile*, u ċwievet tal-*crane*, a fol. 792; (vi) Rapport tal-24 ta' Awwissu 2010 kontra D C stante tgħajjir waqt argument, a fol. 796.
[55] Liema rapporti li kollha jinsabu fil-proċess bin-numru 396/2010 AL u li huma: (i) Rapport tal-20 ta' Awwissu 2010 kontra AB C stante tehid ta' €800, a fol. 767; (ii) Rapport tad-9 ta' Settembru 2010 kontra AB C stante li ttiehed id-*diary* tax-xogħol, a fol. 770; (iii) Rapport tad-9 ta' Settembru 2010 kontra AB C stante li ċaqalqet il-

p. _Xhieda ta' Sera Zammit bħala ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ ġewwa l-Youth in Focus_,[56] li ddikjarat li kienet issegwi lil bint il-partijiet Macine C wara li ġiet riferuta nhar il-11 ta' Novembru 2010, u pprezentat id-dokumenti relatati;[57]

q. _Xhieda ta' Dr D E Baldacchino bħala l-Konsulent Psikjatriku_, li kien isegwi lill-attriċi fil-passat sa mis-sena 2000/2001, fejn jiddikjara li kien intenbaħ li kien hemm problemi matrimonjali u li tali kienu qegħdin jaffettwaw l-istat ta' saħħa mentali tal-attriċi tant li per konsegwenza kienet qiegħda ssofri minn dipressjoni severa;[58]

r. _Ix-xhieda ta' G C_, ossia bint il-partijiet;[59]

s. _Ix-xhieda ta' PS 1574 Renaldo Cremona_, stazzjonat l-Għassa tal-Mosta u jikkonferma li jaf lill-partijiet stante li t-tnejn li huma kienu jagħmlu rapporti kontra xulxin fl-imsemmija Għassa, filwaqt li jezebixxi rapport magħmul mill-attriċi nhar l-24 ta' Settembru 2010,[60] u jgħid li wara tali rapport kien mar magħha fid-dar matrimonjali fejn ivverifika li hi ma setgħatx tidħol ġewwa d-dar matrimonjali;

t. _Kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-art li llum tinsab fuqha mibnija d-dar matrimonjali tal-partijiet_, datat 21 ta' Novembru 1989 u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr John Debono;[61]

u. _Kopja ta' dak kollu li l-attriċi sabet ġewwa kaxxa zgħira ġol-garaxx_, liema kaxxa tappartjeni lill-konvenut – inkluz numru ta' diversi avukati u zewġ _condoms_;[62]

v. _Ritratt tal-kaxxa li sabet l-attriċi ġewwa l-garaxx u l-kontenut tagħha_;[63]

---

vettura, a fol. 773; (iv) Rapport tat-18 ta' Jannar 2011 kontra AB Acisa stante li sab xi għodda mċaqalqa, a fol. 775; (v) Rapport tal-25 ta' Settembru 2010 kontra AB C stante li san qanpiena mkissra, a fol. 777.

[56] Fol. 841 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[57] Fol. 842 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[58] Fol. 886 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[59] Fol. 902 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[60] Fol. 934 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[61] Fol. 811 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[62] Fol. 815 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[63] Fol. 816, 817 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

w. <u>*Ritratt ta' kaxxa ta' pirmli bl-isem ta' Cialis*</u>;[64]

x. <u>*Ritratti tad-dar matrimonjali u kif ġiet imbarrata bil-ġebel*</u>.[65]

<u>*Il-Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*</u>

Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jispjega illi huwa minn dejjem kien imidd idejh għax-xogħol, u dan minn ta' eta' zgħira, fejn għamel zmien jaħdem ma' missieru fix-xogħol tal-bini. Ta' għoxrin (20) sena ltaqa' mal-attriċi, u ddeċieda li jmur jaħdem ma' kumpanija tal-kostruzzjoni sabiex ikollu qliegħ aħjar. Il-konvenut jikkontendi illi *"peress li kont diga' gharus xtrajt bicca art kbira gewa Hal Lija li flok inhallasha bi flus, nahdimha lil min ser ibieghieli u ddecidejna li nahdimielhu wara l-hinijiet tax-xoghol li kelli mal-kumpanija ta' fejn kont nahdem. Jien ghamilt zmien twil biex qtajtha ghax biex gejt square maghha kelli nibnilu madwar tliet postijiet ta' zewg sulari l-wiehed"*.[66] Dak iz-zmien ukoll kienu ħarġu għal bejgħ artijiet tal-Gvern, u b'hekk jgħid li *"jiena u l-gharusa li kelli konna applikajna fuq bicca art Birzebbugia u mill-banda l-ohra ghalkemm jiena ma kontx naf missieri kien applikali għal bicca art ohra li tkun, f'liema rahal tkun, fuq ismi. Meta dawn l-artijiet gew biex jitilghu rcivejt u sirt naf li dawn il-plots telghuli t-tnejn f'daqqa, ta' Birzebbugua li jien kont applikajt ma' l-gharusa li kelli u tal-Mosta li applika fuqi missieri. (...) Issa, l-ohra ta' Birzebbugia peress li kienet qeghda fuqi wkoll, kelli nirrifjuta wahda zgur, filfatt mort il-Baviera u rrifjutat ta' Birzebbugia u zammejt tal-Mosta bhala art"*.[67] Il-konvenut jispjega li biex tinbena din l-art ġewwa l-Mosta, huwa partat l-art ta' Ħal-Lija ma' materjal mal-kumpanija li kienet tħadmu, u b'hekk *"il-materjal li kien ikolli bzonn, peress li hdimt ghalih qabel, dejjem sibtu biex nibqa' ghaddej bix-xoghol u qatt ma kont bzonn ta' finanzi"*.[68] Min-naħa l-oħra jgħid li l-għarusa tiegħu, permezz tal-introjtu tagħha kienet taħseb għall-ispejjez tat-tieġ, izda *"l-bqija f'affarijiet ta' post bl-gharaq ta' demmi u ta' gbini hdimtu"*.[69] Izda maz-zmien beda jaħseb sabiex jibda jaħdem għal rasu, u peress li l-ispejjez bdew jitilgħu ġmielhom, il-konvenut jgħid li ma setgħax ilaħħaq ma-ispejjez biex

[64] Fol. 818 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[65] Fol. 819 – 824 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[66] Fol. 18 tal-proċess numru 421/2010 AL.
[67] Fol. 18 – 19 tal-proċess bin-numru 421/2010 AL.
[68] *Ibid.*
[69] *Ibid.*

jagħlaq u jimla' l-post, u fl-istess waqt jixtri l-għodda, *"hemmhekk kien li sibt dik in-naqra ghajnuna minghand l-gharusa li kelli dak iz-zmien"*.[70]

Il-partijiet izzewġu fil-11 ta' Mejju 1991 u wara ftit zmien kellhom l-ewwel wild, fejn fil-fehma tal-konvenut kien proprju f'tali zmien li bdew l-intoppi bejn il-partijiet. Jgħid li l-ewwel ġlieda bejniethom kienet għaliex wara argument, l-attriċi kienet telqet bit-tarbija b'*taxi* għand ommha. Il-konvenut jgħid li f'xi argumenti, meta kien ifettlilha, l-attriċi kienet taqbad u titlaq bit-tfal għand ommha, għalkemm din dejjem irritornat lura d-dar tard filgħaxija ma' ommha u zijuha. Jgħid li matul iz-zwieġ tagħhom, din l-istorja rrepetiet ruħha għal madwar erba' (4) darbiet, izda l-ħames (5) darba telqet mid-dar u ma rritornatx lura. Il-konvenut jikkontendi li huwa qatt ma keċċa lil martu mid-dar, izda kienet hi li dejjem qabdet u telqet mid-dar. Fil-fehma tal-konvenut, din l-attitudni tal-attriċi għandu jiġi kklassifikat ma' *"tradiment sfaccat f'wicci"* hekk kif skontu *"fejn ikun hemm xi argument qabel ma jitranga l-argument m'ghandekx ghalfejn titlaq il-barra jew tisma' minn ilsien haddiehor u tinjora il ta' zewgek"*.[71]

Il-konvenut jgħid li fiz-zwieġ kien sar jaf li ommha u ħutha kienu ħaduha għand tabib tal-moħħ u dan bil-moħbi tal-konvenut. Hawnhekk il-konvenut beda jinduna bl-indħil u l-ħsara tal-familja tal-attriċi, u li għall-attriċi familtha kienu ta' prijorita' fuq zewġha. Kien proprju għalhekk li l-konvenut jgħid li kien beda l-proċedura ta' separazzjoni, izda li sussegwentament waqqafha. Minkejja li l-konvenut beda jħoss li ġejja maltempata fiz-zwieġ tagħhom, huwa jgħid li qatt ma ħaseb għal rasu finanzjarjament. Anzi jgħid li minkejja li huwa ried jieħu ħsieb il-finanzi tal-familja hu, l-attriċi qatt ma riedet ittih ċans għaliex l-attriċi kollox kif trid hi, filwaqt li l-konvenut kellu jbaxxi rasu għal kollox. Madanakollu jikkonferma li meta nqala' l-aħħar inkwiet bejniethom, ma baqgħax jagħtiha l-flus kollha f'idejha u b'hekk kompla zdied l-inkwiet. Ikompli jzid li wara kull argument, l-attriċi kienet tmur lura d-dar għaliex kienet taf li ser issib il-flus, u dak kollu li jkollha bzonn. Għaldaqstant il-konvenut għandu dubji serji jekk qattx xi darba kienx hemm imħabba ġenwina bejniethom, anzi jemmen li *"ghalija dan huwa l-ikbar tradiment ta' rghiba taz-zwieg, rghiba ghall-flus, qatt ma kellha imhabba lejja hlief skopijiet biex terda minn fuq dar. (...) Jiena bniedem li gejt uzat, immur ghax-xoghol, naghtiha l-flus u nitlaq il-barra ghax-xoghol, nigi niekol, norqod u nerga' mmur ghax-xoghol"*.[72] Il-konvenut għandu d-dubju li

[70] Fol. 20 tal-proċess bin-numru 421/2010 AL.
[71] Fol. 21 tal-proċess bin-numru 421/2010 AL.
[72] Fol. 24 tal-proċess bin-numru 421/2010 AL.

martu zzewġitu sabiex tieħu nofs id-dar matrimonjali, u jekk huwa hekk, fil-fehma tal-konvenut iz-zwieġ ta' bejniethom huwa zwieġ fallut. Il-konvenut jgħid li qatt ma kien stmat aktar minn biċċa tal-art u b'hekk kien iħossu mweġġa' ħafna, filwaqt li hu jħoss li qatt ma naqas lil martu u uliedu.

F'affidavit ulterjuri, il-konvenut jinnega li hu qatt kien aggressiv, izda jgħid li kienet proprju martu li kienet aggressiva miegħu. Barra minn hekk, jgħid ukoll illi kienet martu li fottitlu l-impjieg tiegħu billi ħaditlu l-mezzi kollha biex jaqla' x'jiekol, tant li llum il-ġurnata qiegħed jiġġieled biex jirkupra x-xogħol li kellu. Il-konvenut jispiċċa sabiex jikkontendi li *"iz-zwieg tfarrak minhabba marti, hi kienet responsabbli ghax lili qatt ma stmatni bhala zewgha, qatt ma ddjalogat mieghi izda ma' ommha u ma' hutha u li jghiduha huma tajjeb u li nghid jien ma jigix stmat".*[73] Ikompli jgħid li *"dak li mhux taghha u trid tiehdu la ghamlet vendetta, lanqas jekk nitlef kollox basta ma tiehu xejn".*[74]

Sabiex isaħħaħ il-verzjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-sewgenti provi:

a. ***Affidavit ta' L M***, ossia oħt il-konvenut, maħluf nhar it-23 ta' Frar 2011 u pprezentat kontestwalment mar-risposta ġuramentata nhar it-28 ta' Frar 2011,[75] u kif ukoll ix-xhieda tagħha ta' nhar is-17 ta' Ġunju 2015;[76]

b. *Id-dokumenti pprezentati minn L M*, oħt il-konvenut, matul ix-xhieda tagħha tas-17 ta' Ġunju 2015, ċD': (i) pagamenti li saru minn D C,[77] (ii) pagamenti li għadhom iridu jitħallsu,[78] (iii) taħrika mill-Pulizija sabiex D C jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali minħabba ħlas ta' taxxa,[79] (iv) dikjarazzjoni tal-kont ta' D C mad-Dipartiment tat-Taxxa,[80] (v) kopja tat-testment ta' Marija Dolores Axia, ossia om mil-konvenut, li ħalliet lil L M u K C bħala l-eredi universali tagħha stante li D C kien diġa' ħa sehemu,[81] (vi) skrittura datata 13 ta' Novembru 2001, bejn Marija Dolores C u uliedha, fejn dawn kull wieħed ħadu s-somma ta' LM2,000 bħala depozitu filwaqt li kienu prekluzi milli jagħmlu uzu minn

[73] Fol. 25 tal-proċess bin-numru 421/2010 AL.
[74] Fol. 27 tal-proċess bin-numru 421/2010 AL.
[75] Fol. 47, tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[76] Fol. 1046 u 1052 – 1054, tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[77] Fol. 1055 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[78] Fol. 1062 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[79] Fol. 1070 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[80] Fol. 1071 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[81] Fol. 1072 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

tali flus,[82] (vii) kopja legali tal-ittra uffiċċjali abbazi tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mibgħuta minn Marija Dolores C lil binha D C nhar id-29 ta' Jannar 2013, sabiex iħallasha is-somma ta' €4,658.74 (LM2,000),[83] u (viii) irċevuta u envelop bid-data 4 ta' Marzu 2010 mibgħuta lil AC għal xiri ta' kontraġettivi mill-Ingilterra;[84]

c. _*Affidavit ta' K C*_, ossia ħu l-konvenut, maħluf nhar l-24 ta' Frar 2011 u pprezentat kontestwalment mar-risposta ġuramentata nhar it-28 ta' Frar 2011;[85]

d. _*Affidavit ta' N C*_, ossia il-mara ta' ħu l-konvenut, maħluf nhar l-24 ta' Frar 2011 u pprezentat kontestwalment mar-risposta ġuramentata nhar it-28 ta' Frar 2011.[86]

_*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*_

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a.* _*Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*_

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[87] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun

[82] Fol. 1075 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[83] Fol. 1077 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[84] Fol. 1079 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[85] Fol. 52, 56, 60 – kollha l-istess verzjoni tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[86] Fol. 64 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[87] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **AMifsud vs Vincenzo Mifsud**,[88] u **L Cauchi vs Alexander Cauchi**,[89] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz",* rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **AMifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[90] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Pne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[91] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[92]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[93]

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

[88]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[89]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[90]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[91]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[92]**Genoveffa Magri vs. D Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[93]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

*In primis* il-Qorti tirrileva illi taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-abbli Perit Legali u ċD' illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment b'tort attribwibbli unikament lill-konvenut. Madanakollu u speċifikament f'dan ir-rigward, għalkemm il-Qorti tinsab tal-fehma illi fil-maġġor parti tar-rapport tiegħu l-Perit Legali wasal għal konkluzjonijiet ġusti, fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li l-Qorti tagħmel numru ta' osservazzjonijiet ulterjuri li dawn jimmeritalhom li jiġu inkluzi fid-deċizjoni aħħarija. Il-Qorti tara li l-attriċi targumenta illi kien zewġha li kisser iz-zwieġ tagħhom u dan stante eċċessi, moħqrija, theddid u offizi gravi. Il-Qorti tinsab tal-fehma illi mill-provi li għandha quddiemha, il-konvenut għandu jinstab ħati ta' moħqrija u offizi gravi, izda mhux ta' eċċessi u theddid, u dan għar-raġuniiet li ser jiġu spjegati segwentament.

Mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti jirrizulta illi l-partijiet ma kellhomx problemi matul l-għerusija, u z-zewġ partijiet jikkonfermaw li l-problemi ta' bejniethom bdew wara t-twelid tal-ewwel tarbija tagħhom, izda ma jaqblux dwar x'kien qiegħed jagħti lok għal dawn il-problemi ta' bejnethom. In sintezi:

i. L-attriċi tispjega illi wara t-twelid ta' F, kienet tħossha taħt stress kbir, fejn it-tarbija kienet tibki kull ħin tal-ġurnata, u dan filwaqt li hi kienet qiegħda tħossha waħedha u 'l bogħod minn kullħadd. Barra minn hekk, l-attriċi bdiet tara li l-karattru tal-konvenut beda jinbidel, fis-sens li ma kienx attent għal bzonnijiet tagħha jew li jkun prezenti f'ħajjitha b'mod emozzjanali, u lanqas ma kien joffri sapport morali jew fiziku – anzi bdiet tħossha mzebilha bil-kliem u l-aġir tiegħu, hekk kif beda jizzikaha dwar in-nuqqas ta' aptit sesswali u jikkritikaha bi kliem dispreġjattiv, jitkellem dwar il-kwistjonijiet personali tal-ħajja tagħhom mal-familjari, u jqatta' iljieli twal jara l-pornografija. *Per* konsegwenza l-attriċi tgħid li fl-2001 kienet dejjem tħossha bla saħħa u dejjem tibki, tant li ġie vverifikat li qiegħda ssofri minn dipressjoni severa. F'dan iz-zmien il-konvenut xorta wada baqa' jiġġieled mal-attriċi fuq affarijiet banali, segwiti minn xenati, dagħa faħxi u alkohol. Minkejja li l-attriċi ppruvat dejjem tagħti ċans lil konvenut jirranġa l-attitudni tiegħu, wara l-aħħar ġlieda kien ukoll jgħidilha illi ġewwa d-dar għandu jsir dak li jgħid hu. Izda l-attriċi ma felħitx għal dan kollu u rrikorriet għall-għajnuna tad-*Domestic Violence Unit* ewwa l-Aġenzija Appoġġ u fehmet li zewġha huwa raġel abbuziv, bir-rizultat li nhar l-24 ta' Awwissu 2010 l-konvenuta sfat telqet mid-dar matrimonjali u marret tgħix għand

ommha ġewwa Birzebbugia wara li sabet il-bieb tal-ħadid imsakkar u dan hekk kif l-attur kien biddel is-serratura tal-bieb;[94]

ii. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jispjega li wara t-twelid tal-ewwel tarbija, l-attriċi qabdet id-drawwa li meta jkollhom argument din taqbad u titlaq għand ommha bit-tfal. Għal konvenut dan l-aġir da parti l-attriċi ma kienx xieraq għaliex fil-fehma tiegħu minkejja li kienet mizzewġa, l-attriċi xorta waħda baqgħat tpoġġi lil familtha fl-ewwel post u kienet tinjora l-kelma ta' zewġha u mal-inqas intopp tmur tiġri għandhom. Għaldaqstant fil-fehma tal-konvenut, bl-aġir tagħha l-attriċi kienet qiegħda tagħti l-poter lil familtha sabiex jindaħlu fil-ħajja tagħhom, tant li jgħid li kienet proprju familtha li ħadet lill-attriċi għand it-tabib minħabba s-saħħa mentali tagħha u dan a skonoxxenza tiegħu. Magħdud ma' dan, il-konvenut jispjega li għandu dubji serji dwar jekk l-attriċi qattx kienet tħobbu, hekk kif jagħti deskrizzjoni tagħha ta' kmand speċjalment meta si tratta l-finanzi tal-familja, aggressiva u rgħiba għal flus. Il-konvenut iħossu mweġġgħa għaliex l-attriċi qatt ma stmatu bħal zewġha, qatt ma djalogat miegħu u dejjem poġġiet lil familtha fl-ewwel post.

Mis-suespost jidher ċar li z-zewġ verzjonijiet huma kunfliġġenti għal xulxin. Madanakollu u wara li rat il-provi kollha mressqa, il-Qorti waslet għal konvinċiment morali tagħha li l-fattur kruċjali li abbazi tiegħu tkisser dan iz-zwieġ kienu l-aġir tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi, li kif jispjegah tajjeb il-Perit Legali, kien wieħed ta' indifferenza u moħqrija psikoloġika. Il-Qorti tara li l-konvenut għalkemm jinnega li huwa aggressiv, huwa qatt ma nnega dak li saħqet dwaru l-attriċi, ċD' li: (i) ma kienx jara xi jkollha bzonn l-attriċi bħal meta waqgħat it-taraġ, (ii) li kienet tibqa' msakkra ġewwa d-dar, (iii) kien jitkellem dwar il-problemi ta' intimita' tagħhom ma' familjari, (iv) kien jagħmel sigħat twal jara l-pornografija, (v) li kien jidgħi, u li (vi) kellu l-vizzju tax-xorb. Sabiex tikkorrabora dan l-attriċi resqet diversi xhieda suġġettivi li jikkonfermaw dak allegat minnha. Għaldaqstant il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi għandha tagħti piz probatorju lix-xhieda tal-Psikjatara Dr D E Baldacchinio, li jikkonferma:

*"Jekk niftakar tajjeb jien ezaminajt lir-rikorrenti fis-sena 2000/2001 fejn dak iz-zmien kont gejt f'kuntatt maghha wara li kienet ikkonsultatni privatament. Kien hemm xi okkazzjoni jew tnejn li rajtha fid-dar taghha. Jien stajt ninnota li kien*

[94] Ara r-rapport tal-Pulizja datat 24 ta' Awwissu 2010, a fol. 792 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

*hemm xi problemi matrimonjali li kienu qeghdin jaffettwaw l-istat ta' sahha mentali tar-rikorrenti; jien ikkonstatajt li r-rikorrenti kienet severely depressed. Kienet kostantament tibki, kellha s-support tal-familjari taghha, barra li kienet ghamlet xi zmien tghix ghand ommha. Sussegwentament, bil-kura, giet il-quddiem".*[95]

Minn din ix-xhieda l-Qorti tasal għal konvinċiment tagħha li l-verzjoni tal-attriċi għandha mis-sewwa u ċD' li l-attriċi waslet f'dak l-istat mentali bħala rizultat ta' dak li kienet qiegħda tissubixxi matul il-ħajja mizzewġa mal-konvenut. Għalkemm il-konvenut fid-domandi in eskussjoni tiegħu bħal donnu jagħti x'jifhem li l-istat mentali tal-attriċi kellu impatt fuq ir-relazzjoni tal-partijiet, il-Qorti ma temminx li kien proprju tali kundizzjoni tal-attriċi li ħalliet impatt negattiv fuq iz-zwieġ tant li sfat sabiex kisritu, izda tali kundizzjoni kienet ir-rizultat tal-aġir tal-konvenut indifferenti u moħqrija psikoloġika.

Il-Qorti tkompli ssib il-konvinċiment tagħha permezz tal-affidavit tal-konvenut innifsu u provi ulterjuri, fejn il-Qorti tilmaħ numru ta' kuntrasti fi kliemu, tivverifika l-karattru tiegħu, filwaqt li tara ċar l-intenzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri. Il-konvenut jitkellem b'mod ċar li huwa ried li l-attriċi li tkun *'reġina'* bħala mara tad-dar, fejn tieħu ħsieb lilu, lil uliedhom u d-dar u b'hekk ma riedx li din toħroġ taħdem. Il-Qorti tibda sabiex tippuntwalizza li kull persuna li tibqa' d-dar sabiex tieħu ħsieb il-familja u d-dar, tkun altru milli reġina, izda tali persuna tkun qiegħda taħdem xorta waħda, izda bla qliegħ u sfortunatament ħafna mid-drabi bla apprezzament. Konsegwentament, il-Qorti tgħaddi sabiex tara l-ironija f'dak li jisħaq dwaru l-konvenut, hekk kif min-naħa waħda jinsisti li martu kienet tgħix ħajja ta' reġina u l-finanzi kollha f'idejha, min-naħa l-oħra jgħid li hi qatt ma kontribwixxiet xejn għal familja u li dak kollu materjali jappartjeni lilu. Dan il-kliem ma huwa xejn ħlief wieħed dispreġġjattiv fil-konfront tal-mara, li bħal donnu xogħolha li tikkura l-familja u d-dar m'għandux jiġi mgħarraf u valorizzat, filwaqt li r-raġel li mar jaqla' l-ħobza ta' kuljum għandu jiġi glorifikat – bħal donnu mhux kull xogħol għandu tiegħu u li f'familja kullħadd għandu jiġbed ħabel wieħed.

Huwa proprju din il-problema fiz-zwieġ u r-rapport ta' bejn il-partijiet, li qatt ma nġibed ħabel wieħed. Il-konvenut għandu l-idea li bħala *breadwinner* huwa għandu jiġi stmat bħala raġel, li martu ddur mal-bzonnijiet tiegħu u tara li

[95] Fol. 886 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

fizikament u emozzjonalment ma jkun jonqsu xejn – u dan stante li huwa proprju l-konvenut li qiegħed iġib il-flus id-dar għall-għixien tagħhom. Madanakollu, il-konvenut qiegħed jinsa li kien hu li ried li martu l-attriċi tibqa' d-dar tgħix ta' *'reġina'*, u nonostante li l-attriċi ma kienetx qiegħda taħdem barra mid-dar, hi xorta waħda kienet qiegħda taħdem. Huwa irrelevanti jekk wieħed ikunx qiegħed jaħdem bi qliegħ *o meno*, il-konvenut matul is-snin warrab l-emozzjonijiet u l-bzonnijiet ta' martu, izda kien moħħu li jaqla' l-flus filwaqt li azzarda jiddiġenera x-xogħol li kienet tagħmel martuġewwa d-dar matrimonjali. Fil-fatt il-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar kemm huwa ħabbrieki l-konvenut, izda zwieġ jirrikjedi ħafna iktar minn bzulija u flus sabiex jirnexxi. Il-Qorti b'hekk tasal għal konkluzjoni li l-attriċi kienet tmur għand familtha u tfittixhom, għaliex dan kien l-uniku mezz tagħha sabiex issib il-forza sabiex tkompli taffronta l-ħajja mizzewġa fejn kellha batalja kontinwa ma' zewġha u l-kundizzjoni ta' saħħa mentali li zviluppat minħabba f'hekk.

Jiġi nutat ukoll li l-konvenut jemmen li l-familjari tal-attriċi kienu qegħdin jinkoraġġixxuha sabiex b'xi mod tieħu nofs id-dar matrimonjali, liema fond allegatament huwa parafernali tiegħu. Din hija kwistjoni li kienet qiegħda tagħti fastidju ferm lil konvenut, għaliex mill-affidavit tiegħu jidher b'mod palezi li m'għandu l-ebda intenzjoni li jitlaq dan il-fond minn idejh tant li fil-fehma tiegħu ħadd ma jista' jkeċċih minn hemm. Mill-kliem uzat fl-affidavit tiegħu, il-Qorti tinnota kemm il-karattru tal-konvenut, kif ukoll l-intenzjoni aħħarija tiegħu. Fir-rigward tal-karattru, il-Qorti tara li għalkemm il-konvenut jittenta jistabbilixxi kemm huwa raġel paċenzjuz, kalm u kwiet, fil-verita' il-Qorti ma taqbilx ma dan għaliex il-kliem uzat fl-affidavit tiegħu jistabbilixxu l-kuntrarju, speċjalment hekk kif kellu l-ardir jasal sal-estramita' li bil-pruzunzjoni kollha jgħid *"la ghamlet vendetta, lanqas jekk nitlef kollox basta ma tiehu xejn"*.[96] Fil-fatt il-Qorti tara kemm il-konvenut huwa aggressiv fil-konfront tal-attriċi, bl-iskop aħħari li ma tmisslux dak li fil-fehma tiegħu jappartjeni lilu biss, huwa proprju l-inċident tat-18 ta' April 2011. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-inċident kompla saħħaħ il-pozizzjoni tal-attriċi u kif ukoll jikkonferma l-karattru tal-konvenut fis-sens illi bl-aġir tiegħu ta' dakinhar, il-konvenut wera safejn kapaċi jasal u li għalih dak li jgħodd huwa biss il-fond tal-Mosta. B'hekk il-Qorti tasal għal konkluzjoni, li l-konvenut għandu għal qalbu l-fond matrimonjali tant li kien lest li jitlef lil martu basta jibqa' jsostni li l-fond in kwistjoni jappartjenu lilu. Din l-attitudni turi l-prijoritajiet tal-konvenut u tistabbilixxi li dak li jgħodd għalih kienu, *in primis*, is-

---

[96] Fol. 27 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

serħan tal-moħħ li l-fond matrimonjali jappartjeni lilu, u fit-tieni lok, li jkollu lil xi ħadd li jieħu ħsiebu. Għaldaqstant il-Qorti ma tarx kif ma għandhiex ma temmen il-verzjoni attriċi.

Il-Qorti tissottolineja li fi kwalunkwe rapport jew zwieġ, il-partijiet għandhom ikunu ta' sapport għal xulxin, fizikament u emozzjonalment. Barra minn hekk, f'rapport għandu jkun hemm l-apprezzament kontinwu ta' kwalsiasi ħaġa, *sia* jekk hi kbira u kif ukoll zgħira. B'hekk biss tista' tkun suprema l-imħabba, meta f'rapport jirrenja r-rispett, l-onesta', is-sapport u l-apprezzament. Naturalment il-mumenti intimi huma ukoll essenzjali f'rapport. Fil-kaz in ezami, il-Qorti tara li bl-aġir tiegħu l-konvenut ikkawza moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi, tant li jammontaw għal inġurji gravi. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma ratx li mill-atti rrizulta li l-attriċi hija aggressiva u rgħiba għal flus. Il-fatt li l-attriċi ammettiet li ħadet lil konvenut flus, *mobile* u ċwievet tal-*crane* wara l-argument nhar l-24 ta' Awwissu 2010,[97] dan ma jistabilixxix li minħabba f'hekk tfarrak iz-zwieġ in ezami.

Għaldaqstant jirrizulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lil konvenut ħati ta' moħqrija u inġurji gravi.

## 4. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-

[97] Ara r-rapport tal-24 ta' Awwissu 2010, a fol. 792 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut instab unikament ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba moħqrija u inġurji gravi. Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu ddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi.

## 5. Manteniment lill-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi tagħmel talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat iħallas manteniment għaliha personali. F'dan ir-rigward, il-Perit Legali kien tal-fehma illi minkejja l-fatt li l-attriċi qiegħda tipperċepixxi minn benefiċċju soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, dan ma jfissirx li ma għandhiex tirċievi manteniment minn għand zewġha. Anzi kien tal-fehma li *"huwa għandu jagħmel tajjeb għal ħsara li għamel f'dan iż-żwieġ u konsegwentement huwa għandu jħallas u jibqa jħallas manteniment għal martu, anke jekk din tkun qed taħdem"*.[98] Għaldaqstant il-Perit Legali ssuġġerixxa lil din il-Qorti sabiex tillikwida s-somma ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) kull erba' (4) ġimgħat għall-attriċi, liema somma għandha tizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Mill-atti jirrizulta li l-attriċi bdiet tipperċepixxi mill-Għajnuna Soċjali sa minn nhar it-2 ta' Ottubru 2010,[99] filwaqt li l-konvenut beda jipperċepixxi minn Għajnuna tal-Qagħad sa mill-11 ta' Awwissu 2010.[100] Barra minn hekk il-Qorti tara li l-attriċi ilha ma tħallas kontribuzzjonijiet soċjali sa mis-sena 1993,[101] filwaqt li l-konvenut sa mis-sena 2008.[102] Madanakollu minn prova li ġiet imresqa, jirrizulta li l-konvenut reġa' beda jaħdem b'mod mhux uffiċjali almenu

[98] Fol. 1122 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[99] Ara x-xhieda ta' D Chircop, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, ta' nhar it-30 ta' Novembru 2011, a fol. 659, li jezebixxi prova ta' dan a fol. 662 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[100] Ara x-xhieda ta' D Chircop, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, ta' nhar it-30 ta' Novembru 2011, a fol. 659, li jezebixxi prova ta' dan a fol. 661 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL; u ara ukoll ix-xhieda ta' Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, ta' nhar it-28 ta' Mejju 2013, a fol. 900, li jezebixxi prova ta' dan a fol. 908 – 911, tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[101] Ara x-xhieda ta' Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, ta' nhar l-24 ta' Frar 2015, a fol. 1038, li jezebixxi prova ta' dan a fol. 1043, tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[102] Ara x-xhieda ta' Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, ta' nhar l-24 ta' Frar 2015, a fol. 1038, li jezebixxi prova ta' dan a fol. 1042, tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

sa mis-7 ta' Diċembru 2012 u dan minkejja li kien qiegħed jipperċepixxi mill-Għajnuna tal-Qagħad.[103] Fi kwalunkwe kaz, ġie kkonfermat li l-konvenut mal-eta' tal-irtirar ser ikun eleġibbli għal pensjoni minima.[104]

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tieħu konsiderazzjoni tal-fatt li fil-prezent l-attriċi għandha sitta u ħamsin (56) sena u ilha ma taħdem għal tmienja u għoxrin (28) sena. Min-naħa l-oħra, il-konvenut għandu tmienja u ħamsin (58) sena. Għaldaqstant, huwa stat ta' fatt li l-partijiet qegħdin qrib l-eta' tal-irtirar. Fiċ-ċirkostanzi u tenut kont li l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ tirrisjedi unikament fuq il-konvenut, il-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex tordna lill-konvenut iħallas manteniment lil martu. Magħdud ma' dan il-Qorti tara li l-attriċi ilha ma taħdem u ma taqbilx ma' dak li saħaq il-konvenut li din tista' toħroġ taħdem. Wara kollox u fid-dawl tal-fatt li l-konvenut qatt ma apprezza xogħol ta' martu li dejjem sar bla qliegħ ġewwa d-dar matrimonjali, il-Qorti tara li f'dan l-istadju huwa bix-xieraq li din tiġi kkumpensata mensilment billi tingħata ammont adegwat skont il-mezzi tal-konvenut sabiex tgħix ħajja komda.

Il-Qorti ma għandhiex prova tal-introjtu globali li għandu l-konvenut kull xahar. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti hija konvinta li s-somma ssuġġerita mill-Perit Legali hija eċċessiva u dan fid-dawl tal-fatt li ma hemm l-ebda prova tal-introjtu tal-konvenut u kif ukoll tal-bzonnijiet mensili tal-attriċi. Għaldaqstant il-Qorti tillikwida is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' (4) ġimgħat f'manteniment għall-attriċi, pagabbli mill-konvenut u liema somma għandha tizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u tinqata' minn kull introjtu u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut.

## 6. Kura, Kustodja, Aċċess u Mantaniment għall-Minuri:

Miz-zwieġ tal-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċD' F C, imwielda nhar l-24 ta' Settembru 1992, u G C mwielda nhar it-30 ta' Settembru 1996. Dan ifisser illi fil-prezent, ulied il-partijiet għandhom disa' u għoxrin (29) sena u ħamsa u għoxrin (25) sena, rispettivament, u b'hekk huma kollha maġġorenni.

---

[103] Ara l-verbal tas-7 ta' Diċembru 2012 fil-kawza kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs D C** bin-numru 540/2011, a fol. 397 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL – *"Il-Qorti wara li semghet lill-imputat kif ukoll lill-mara tieghu prezenti in awla qed tawtorizza lill-imputat sabiex ghal darba wahda biss huwa jacceddi ghall-garaxx li jiforma parti mid-dar konjgali u jiehu dawk l-ingenji kollha li huwa ghandu bzonn sabiex huwa jkompli jahdem".*

[103] Ara x-xhieda tal-konvenut, a fol. 829 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

[104] Ara x-xhieda ta' Ivan Cilia rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, ta' nhar l-24 ta' Frar 2015, a fol. 1038 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tara li ma hemmx iktar lok għaliha sabiex tippronunzja ruħha dwar il-kura, il-kustodja ta' G C, hekk kif mitlub f'talba numru tmienja (8) tar-rikors promotur, u lanqas dwar il-manteniment tagħha skont talba numru tnejn (2) tal-istess rikors. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talbiet, senjatament fir-rigward ta' G C.

## 7. Id-Dritt ta' Residenza ġewwa d-Dar Matrimonjali:

Il-Qorti tara li l-attriċi resqet talba sabiex jingħatalha d-dritt li tgħixu ġewwa d-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha u dan ad eskluzjoni tal-konvenut. Madanakollu l-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali, u ċD' li ebda mill-partijiet ma għandu jingħatalu dan id-dritt stante li din għandha tiġi likwidata hekk kif ser jiġi spjegat fit-taqsima tax-xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Din il-konkluzjoni hija konformi ma' dak li jirrizulta mill-atti, u ċD':

i. Il-konvenut ilu li ġie zgumbrat mid-dar matrimonjali fuq ordni tal-Qorti sa mill-2010, ilu jipperċepixxi mill-Għajnuna tal-Qagħad sa mill-11 ta Awwissu 2011,[105] izda jirrizulta li sakemm kien qiegħed jipperċepixxi minn tali għajnuna soċjali huwa beda jaħdem ukoll,[106] u fil-prezent jinsab jgħix ġewwa dar Ħal-Qormi li tappartjeni lilu u lil ħutu,[107] - għalhekk fil-fehma tal-Qorti il-konvenut għandu fejn jirrisjedi jew *se mai* jsib residenza alternattiva, u

ii. L-attriċi minkejja li ngħatalha d-dritt li tmur tirrisjedi ġewwa d-dar matrimonjali, din xorta waħda ma marritx tgħix hemm minħabba l-fatt li skontha ma kellhiex finanzi minn fejn tirranġa l-ħsara li saret fl-inċident tat-18 ta' April 2011 kkawzata mill-konvenut u magħdud ma' dan tisħaq li hi u t-tfal kienu jibzgħu joqgħodu hemm, tant li b'mod retoriku ssaqsi *"nistgħu*

---

[105] Ara x-xhieda ta' Ivan Cilia, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, a fol. 900 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[106] Ara l-verbal tas-7 ta' Diċembru 2012 fil-kawza kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs D C** bin-numru 540/2011, a fol. 397 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL – *"Il-Qorti wara li semghet lill-imputat kif ukoll lill-mara tieghu prezenti in awla qed tawtorizza lill-imputat sabiex ghal darba wahda biss huwa jacceddi ghall-garaxx li jiforma parti mid-dar konjgali u jiehu dawk l-ingenji kollha li huwa ghandu bzonn sabiex huwa jkompli jahdem"*.
[107] Ara x-xhieda tal-konvenut, a fol. 829 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

*noqghodu hemm b'mohhna mistrieh meta dak kollu li heddidna bih ghamlu?".*[108]

**8. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar il-11 ta' Mejju 1991, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti kollha, tasal għal konkluzjoni tagħha li taqbel penjament mal-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali u ċD' mal-elenku tal-komunjoni tal-akkwisti u l-likwidazzjoni tiegħu bejn il-partijiet. Għaldaqstant u għal skans ta' ripetizzjoni inutli, filwaqt li tagħmel tagħha l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward, il-Qorti tordna li:

i. *Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz ta' "X, Triq il-X, Mosta"* din għandha titqies li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tirrileva li fir-rigward tal-art akkwistata, ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut aġġixxa ta' *prestanome* u b'hekk applika u akkwista l-istess ukoll għan-nom tal-attriċi li dak iż-żmien kienet l-għarusa tiegħu – u fi kwalunkwe kaz kif ġie kkonfermat mid-Direttur tal-Awtorita' tal-Artijiet Martin Bajada *"il-prassi dak iz-zmien kienet li jekk persuna ma tkunx għarusa/għarus, ma setax jikkwalifika għal din l-iskema. Fil-fatt ma sibna l-ebda applikazzjoni ta' għazeb jew xebba waħedha. (...) L-iskop pero kien li l-proprjeta' tiġi zviluppata f'dar residenzjali għat-tnejn".*[109] Fir-rgward tal-ħlas ta' tlett mija

[108] Fol. 810, tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[109] Fol. 1098 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

u ħamsin lira Maltin (LM350) għall-akkwist tal-art ġewwa L-Mosta ma hemm l-ebda prova dwar min għamel l-allegat ħlas, u b'hekk din il-Qorti tqis li tali somma nħarġet miz-zewġ partijiet b'mod ugwali bejniethom. Konsegwentament u fir-rigward tal-bini tal-art, din il-Qorti rat il-verzjoni kuntrastanti taz-zewġ partijiet, hekk kif l-attriċi saħqet illi din l-art tal-Mosta nbniet miz-zewġ partijiet b'mod ugwali wara li l-partijiet partu l-art li kienu xtraw ġewwa Ħal-Lija ma' materjal neċessarju ma' Attard Bros., filwaqt li l-konvenut jsostni li l-art ta' Ħal-Lija kien xtraha u bniha waħdu bi ftehim ma' Attard Bros. Ltd. u konsegwentament partat l-istess ma' materjal neċessarju sabiex jibni l-art tal-Mosta, u għaldaqstant jgħid li sabiex ġiet mibnija l-art tal-Mosta huwa ffinanzja kollox waħdu. Madanakollu l-Qorti tara li fir-rigward ta' din ix-xiri u bini ta' art ġewwa Ħal-Lija, u kif ukoll tat-tpartit tal-binja kompluta sabiex tiġi ffinanzjata l-binja tal-art tal-Mosta akkwistata miz-zewġ partijiet, ma tresqet l-ebda prova u għaldaqstant il-Qorti tqis li l-binja saret miz-zewġ partijiet b'mod ugwali ukoll.

Fid-dawl tas-suespost u ġialadarba d-dar matrimonjali tappartjeni fl-intier tagħha liz-zewġ partijiet b'mod ugwali, il-Qorti tordna li: (i) fl-ewwel lok, nofs id-dar matrimonjali inkluz il-garaxx għandha tiġi assenjata lill-attriċi u dan a spejjez tal-konvenut, u (ii) fit-tieni lok dan il-fond għandu jitpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ, bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jiġi maqsum ugwalment bejn il-partijiet.

ii. *Fir-rigward tal-mobbli li jinsabu ġewwa d-dar matrimonjali kollha, b'eskluzjoni għal dawk il-mobbli u għodda kollha li jinsabu fil-garaxx*, għandhom jiġu assenjati lill-attriċi u dan skont il-qbil tal-partijiet permezz ta' nota konġunta datata 6 ta' Ġunju 2018;[110]

iii. *Fir-rigward tal-mobbli u l-għodda li jinsabu ġewwa l-garaxx li jifforma parti mid-dar matrimonjali*, għandhom jiġu assenjati lill-konvenut, u dan

[110] Fol. 472 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

skont il-qbil tal-partijiet permezz ta' nota konġunta datata 6 ta' Ġunju 2018;[111]

iv. *Fir-rigward tal-kontijiet bankarji,* il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li jkunu intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ mizmum fih, filwaqt li fir-rigward ta' dawk il-kontijiet konġuti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-bilanċ għandu jinqasam bejn iz-zewġ partijiet b'mod ugwali;

v. *Fir-rigward tal-investiment ma' Calamatta Cuschieri & Co. Ltd,* intestat fuq isem il-partijiet, għandu jiġi tterminat minnufih, b'dana li l-ammont oriġinali li ġie investit mis-somma mmaturata mat-terminazzjoni għandu jingħata lil konvenut ġialadarba dawn jappartjenu lilu bħala kreditu parafernali tiegħu,[112] filwaqt li l-bilanċ rimanenti bħala l-interessi akkumulati matul iz-zmien għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet bħala l-frott tal-istess investiment li ġie akkumulat matul iz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

vi. *Fir-rigward tal-vettura tat-tip Toyota Platz bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI-164,*[113] b'valur ta' €2,000 u dan bi qbil bejn il-partijiet permezz ta' nota konġunta datata 6 ta' Ġunju 2018, għandha tiġi assenjata lill-attriċi;

vii. *Fir-rigward tal-van tat-tip Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG-625,*[114] b'valur ta' €3,500 u dan bi qbil bejn il-partijiet permezz ta' nota konġunta datata 6 ta' Ġunju 2018, għandu jiġi assenjat lill-konvenut filwaqt li għandu jirrifondi lill-attriċi is-somma ta' €750 stante li l-valur tal-van in kwistjoni huwa ta' €1,500 iktar għola mill-vettura li ġiet assenjata lill-attriċi;

viii. *Fir-rigward tal-crane tat-tip Komatsu bin-numru ta' reġistrazzjoni ABP-682,*[115] b'valur ta' €4,500 u dan bi qbil bejn il-partijiet permezz ta' nota konġunta datata 6 ta' Ġunju 2018, għandu jiġi assenjat lill-konvenut filwaqt li għandu jirrifondi lill-attriċi is-somma ta' €2,250 sehemha mill-istess *crane*;

[111] *Ibid.*
[112] Ara x-xhieda tal-attriċi ta' nhar l-10 ta' Ottubru 2017, a fol. 1097 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[113] Fol. 548 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[114] Fol. 537 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.
[115] Fol. 538 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

ix. *Fir-rigward ta' djun pendenti, inkluz izda mhux limitat biss għal dejn mal-GO plc, ARMS Ltd, Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għal Kontribuzzjonijiet Soċjali (NI)*, għandu jagħmel tajjeb għalihom fl-intier tagħhom il-konvenut stante r-responsabbilta' tiegħu għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll bħala kumpens lill-attriċi għal xogħolha li għamlet għal snin sħaħ bla qliegħ ġewwa d-dar matrimonjali.

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward ta' assi parafernali, fil-kawza odjerna jirrizulta biss is-segwenti:

i. *Ir-raba' li hemm fil-limiti taz-Zebbiegħ*, li minn dejjem kienu jappartjenu lil konvenut, u għaldaqstant għandu jibqgħu fil-pussess tiegħu;

ii. *L-ammont li ġie mogħti lill-konvenut minn ommu permezz ta' depozitu volontarju nhar it-13 ta' Novembru 2001*,[116] liema ammont ġie investit ma' Calamatta Cuschieri & Co. Ltd., u skont is-sezzjoni preċedenti tali somma għandha tiġi rifuza lura lil konvenut.

**9. Kunjom Xbubit l-Attriċi:**

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċD' *'E'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati miz-zewġ partijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba moħqrija u inġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, attribwibbli unikament lil konvenut, u dan filwaqt li tawtorizza lill-partijiet jgħixu separatament minn

[116] Fol. 1075 tal-proċess bin-numru 396/2010 AL.

xulxin; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 626/1991, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba u dan fil-konfront tal-attriċi biss, u konsegwentament tillikwida l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) li l-konvenut għandu jħallasha kull erba' (4) ġimgħat f'manteniment għaliha nnifisha, u tordna li tali ammont għandu jizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u kif ukoll li dan għandu jitnaqqas direttament minn kwalisasi introjtu u/jew benefiċċju tal-konvenut; il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tat-talba fir-rigward ta' bint il-partijiet G C ġialadarba din illum hija maġġorenni u għandha iktar minn tlieta u għoxrin (23) sena;

3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet *in toto* kif elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob u/jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

4. Tilqa' l-ħames talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tat-tmien (8) parti ta' din is-sentenza, u ċD' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*; filwaqt li fir-rigward tal-assi parafernali l-assenjazzjoni għanhda tkun ukoll skont it-tmien parti ta' din is-sentenza;

5. Tilqa' is-sitt talba, u tassenja lill-attriċi nofs id-dar matrimonjali li tikkonsisti f'dar u garaxx, u għal tali fini tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jirċievi l-att relattiv u l-kuraturi deputati Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Silvana E sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

6. Tiċħad is-seba' talba fir-rigward tal-assi parafernali tal-attriċi;

7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien talba in vista li bint il-partijiet G C hija ormai maġġorenni;

8. Tiċħad id-disa' talba stante li l-provvediment tat-tmien (8) parti ta' din is-sentenza li jirregola *inter alia* il-futur tad-dar matrimonjali;

9. Tilqa' l-għaxar talba u tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha *'E'*.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza għandhom jiġu sapportat kollha mill-konvenut.